PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2008/0241(COD)**

13.9.2011

# EMENDI
# 82 - 169

**Abbozz ta' rakkomandazzjoni għat-tieni qari**
**Karl-Heinz Florenz**
(PE469.957v01-00)

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (Riformulazzjoni)

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari
(0000/2011 – C7-0000/2011 – 2008/0241(COD))



*Magħquda fid-diversità*

**Emenda 82**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 6**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli bil-prevenzjoni ta' skart WEEE bħala l-prijorità ewlenija, u barra dan, bl-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru ta' skart ta' dan it-tip sabiex tnaqqas ir-rimi ta' skart u tikkontribwixxi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi. Tfittex ukoll li ttejjeb ir-rendiment ambjentali tal-operaturi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' EEE, pereżempju l-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi u b'mod partikolari dawk l-operaturi involuti direttament fil-ġbir u t-trattament ta' skart WEEE. B'mod partikolari, applikazzjonijiet nazzjonali differenti tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-produttur jistgħu jwasslu għal differenzi sostanzjali fil-piż finanzjarju fuq l-operaturi ekonomiċi. Politiki nazzjonali differenti dwar il-ġestjoni tal-WEEE jfixklu l-effikaċja tal-politiki ta' riċiklaġġ. Għal dik ir-raġuni l-kriterji essenzjali għandhom jiġu stipulati fil-livell tal-Unjoni. | (6) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli bil-prevenzjoni ta' skart WEEE bħala l-prijorità ewlenija, u barra dan, bl-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru ta' skart ta' dan it-tip sabiex tnaqqas ir-rimi ta' skart u tikkontribwixxi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi ***u għall-irkupru ta' materja prima kritika***. Tfittex ukoll li ttejjeb ir-rendiment ambjentali tal-operaturi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' EEE, pereżempju l-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi u b'mod partikolari dawk l-operaturi involuti direttament fil-ġbir u t-trattament ta' skart WEEE. B'mod partikolari, applikazzjonijiet nazzjonali differenti tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-produttur jistgħu jwasslu għal differenzi sostanzjali fil-piż finanzjarju fuq l-operaturi ekonomiċi. Politiki nazzjonali differenti dwar il-ġestjoni tal-WEEE jfixklu l-effikaċja tal-politiki ta' riċiklaġġ. Għal dik ir-raġuni l-kriterji essenzjali għandhom jiġu stipulati fil-livell tal-Unjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ristabbiliment tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari. L-irkupru ta' materja prima kritika huwa aspett fundamentali ta' din id-Direttiva u għalhekk għandha ssir referenza speċifika għalih.*

**Emenda 83**
**Rolandas Paksas**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 6**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli bil-prevenzjoni ta' skart WEEE bħala l-prijorità ewlenija, u barra dan, bl-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru ta' skart ta' dan it-tip sabiex tnaqqas ir-rimi ta' skart u tikkontribwixxi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi. Tfittex ukoll li ttejjeb ir-rendiment ambjentali tal-operaturi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' EEE, pereżempju l-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi u b'mod partikolari dawk l-operaturi involuti direttament fil-ġbir u t-trattament ta' skart WEEE. B'mod partikolari, applikazzjonijiet nazzjonali differenti tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-produttur jistgħu jwasslu għal differenzi sostanzjali fil-piż finanzjarju fuq l-operaturi ekonomiċi. Politiki nazzjonali differenti dwar il-ġestjoni tal-WEEE jfixklu l-effikaċja tal-politiki ta' riċiklaġġ. Għal dik ir-raġuni l-kriterji essenzjali għandhom jiġu stipulati fil-livell tal-Unjoni. | (6) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli bil-prevenzjoni ta' skart WEEE bħala l-prijorità ewlenija, u barra dan, bl-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru ta' skart ta' dan it-tip sabiex tnaqqas ir-rimi ta' skart u tikkontribwixxi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi. Tfittex ukoll li ***tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi tas-suq u*** ttejjeb ir-rendiment ambjentali tal-operaturi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' EEE, pereżempju l-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi u b'mod partikolari dawk l-operaturi involuti direttament fil-ġbir u t-trattament ta' skart WEEE. B'mod partikolari, applikazzjonijiet nazzjonali differenti tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-produttur jistgħu jwasslu għal differenzi sostanzjali fil-piż finanzjarju fuq l-operaturi ekonomiċi. Politiki nazzjonali differenti dwar il-ġestjoni tal-WEEE jfixklu l-effikaċja tal-politiki ta' riċiklaġġ. Għal dik ir-raġuni l-kriterji essenzjali għandhom jiġu stipulati fil-livell tal-Unjoni. |

Or. lt

**Emenda 84**
**Oreste Rossi, Elisabetta Gardini, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 8**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Din id-Direttiva għandha tkopri l-EEE kollu użat minn konsumaturi u EEE maħsub għall-użu professjonali. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr | (8) Din id-Direttiva għandha tkopri l-EEE kollu użat minn konsumaturi u EEE maħsub għall-użu professjonali. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr |

| | |
|---|---|
| preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar rekwiżiti ta’ sikurezza u ta’ saħħa li jipproteġu l-atturi kollha f’kuntatt ma’ WEEE kif ukoll leġiżlazzjoni dwar ġestjoni ta’ skart speċifiku Komunitarju, b'mod partikolari d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diżinn ta' prodotti, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/125/KE . It-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' tagħmir u s-sustanzi għat-tkessiħ tal-iskart, it-taħlitiet u l-komponenti tagħhom, għandha tkun f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati. L-objettivi ta' din id-Direttiva jistgħu jinkisbu mingħajr ma jkunu inklużi installazzjonijiet fissi ta' skala kbira ***bħal pjattaformi taż-żejt, sistemi għat-trasport tal-bagalji fl-ajruporti jew liftijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha***. | preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar rekwiżiti ta’ sikurezza u ta’ saħħa li jipproteġu l-atturi kollha f’kuntatt ma’ WEEE kif ukoll leġiżlazzjoni dwar ġestjoni ta’ skart speċifiku Komunitarju, b'mod partikolari d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diżinn ta' prodotti, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/125/KE. It-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' tagħmir u s-sustanzi għat-tkessiħ tal-iskart, it-taħlitiet u l-komponenti tagħhom, għandha tkun f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati. L-objettivi ta' din id-Direttiva jistgħu jinkisbu mingħajr ma jkunu inklużi installazzjonijiet fissi ta' skala kbira. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Idealment ikun preferibbli li ma ssir l-ebda referenza għal faċilitajiet speċifiċi, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni jew interpretazzjonijiet ambigwi.*

**Emenda 85**
**Frédérique Ries**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 8**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Din id-Direttiva għandha tkopri l-EEE kollu użat minn konsumaturi u EEE maħsub għall-użu professjonali. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar rekwiżiti ta' sikurezza u ta' saħħa li jipproteġu l-atturi kollha f'kuntatt ma' WEEE kif ukoll leġiżlazzjoni dwar ġestjoni ta' skart speċifiku Komunitarju, b'mod partikolari d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diżinn ta' prodotti, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/125/KE . It-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' tagħmir u s-sustanzi għat-tkessiħ tal-iskart, it-taħlitiet u l-komponenti tagħhom, għandha tkun f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati. L-objettivi ta' din id-Direttiva jistgħu jinkisbu mingħajr ma jkunu inklużi installazzjonijiet fissi ta' skala kbira bħal pjattaformi taż-żejt, sistemi għat-trasport tal-bagalji fl-ajruporti ***jew*** liftijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. | (8) Din id-Direttiva għandha tkopri l-EEE kollu użat minn konsumaturi u EEE maħsub għall-użu professjonali. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar rekwiżiti ta' sikurezza u ta' saħħa li jipproteġu l-atturi kollha f'kuntatt ma' WEEE kif ukoll leġiżlazzjoni dwar ġestjoni ta' skart speċifiku Komunitarju, b'mod partikolari d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diżinn ta' prodotti, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/125/KE. It-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' tagħmir u s-sustanzi għat-tkessiħ tal-iskart, it-taħlitiet u l-komponenti tagħhom, għandha tkun f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati. L-objettivi ta' din id-Direttiva jistgħu jinkisbu mingħajr ma jkunu inklużi installazzjonijiet fissi ta' skala kbira bħal pjattaformi taż-żejt, sistemi għat-trasport tal-bagalji fl-ajruporti***,*** liftijiet ***jew ta' sistemi idroniċi tat-tisħin*** fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dimensjonijiet tas-sistemi idroniċi tat-tisħin fil-bini industrijali huma normalment ikbar mil-liftijiet, għalhekk din il-kategorija għandha tkun inkluża wkoll fil-lista ta' eżenzjonijiet.*

**Emenda 86**
**Rolandas Paksas**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 13**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-ġbir separat huwa kundizzjoni ddeterminata minn qabel sabiex jiġi żgurat it-trattament speċifiku u r-riċiklaġġ tal-WEEE, u huwa meħtieġ biex jinkiseb il-livell magħżul ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent fl-Unjoni. Il-konsumaturi għandhom jikkontribwixxu b'mod attiv għas-suċċess ta' dan it-tip ta' ġbir u għandhom jiġu inkoraġġuti biex jirritornaw il-WEEE. Għal dan il-għan, faċilitajiet konvenjenti għandhom jitwaqqfu għar-ritorn tal-WEEE, inklużi punti pubbliċi ta' ġbir, fejn djar privati għandhom ikunu jistgħu jirritornaw l-iskart tagħhom għall-inqas mingħajr ħlas. Id-distributuri għandhom rwol importanti biex jikkontribwixxu għas-suċess tal-ġbir tal-WEEE. | (13) Il-ġbir separat huwa kundizzjoni ddeterminata minn qabel sabiex jiġi żgurat it-trattament speċifiku u r-riċiklaġġ tal-WEEE, u huwa meħtieġ biex jinkiseb il-livell magħżul ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent fl-Unjoni. Il-konsumaturi għandhom jikkontribwixxu b'mod attiv għas-suċċess ta' dan it-tip ta' ġbir u għandhom jiġu inkoraġġuti biex jirritornaw il-WEEE. Għal dan il-għan, għandhom jitwaqqfu faċilitajiet konvenjenti sabiex il- WEEE jiġi rritornat, inklużi punti ta' ġbir pubbliċi ***għall-iskart voluminuż***, fejn djar privati jkunu jistgħu jirritornaw l-iskart tagħhom għall-inqas mingħajr ħlas. Id-distributuri għandhom rwol importanti biex jikkontribwixxu għas-suċess tal-ġbir tal-WEEE. |

Or. lt

**Emenda 87**
**Kathleen Van Brempt**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Sabiex il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ikun applikat bis-sħiħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż li jidħlu għalihom l-awtoritajiet (lokali) għall-ġbir tal-WEEE ma jeħilhomx min iħallas it-taxxi iżda jkunu riflessi fil-prezz tal-prodott.*** |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Bħala konċessjoni għall-pożizzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni, l-emenda għall-Artikolu 12(1) fit-test miftiehem mill-Parlament fl-ewwel qari (emenda 47) ġiet riveduta u ridotta għall-prinċipju essenzjali tagħha.*

**Emenda 88**
**Rolandas Paksas**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 14**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Sabiex jinkiseb il-livell magħżul ta' protezzjoni u tal-għanijiet ambjentali armonizzati tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jimminimizzaw ir-rimi tal-WEEE bħala skart muniċipali mhux isseparat u biex jinkiseb livell għoli ta' ġbir separat ta' WEEE. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jħabirku biex iwaqqfu skemi ta' ġbir effiċjenti, għandhom ikunu meħtieġa jiksbu livell għoli ta' ġbir ta' WEEE, b'mod partikolari għal tagħmir ta' tkessiħ u ffriżar li jkun fih sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u gassijiet serra fluworinati, minħabba l-impatt qawwi li għandhom fuq l-ambjent u fid-dawl tal-obbligi fir-Regolament (KE) 1005/2009 u r-Regolament (KE) 842/2006. Id-dejta inkluża fil-valutazzjoni tal-impatt turi li 65 % tal-EEE mqiegħed fis-suq, illum diġà qiegħed jinġabar separatament, iżda aktar min-nofsu huwa potenzjalment l-oġġett ta' trattament mhux xieraq u esportazzjoni illegali. Dan iwassal għal nuqqas importanti ta' materja prima sekondarja u degradazzjoni ambjentali. Sabiex dan jiġi evitat jenħtieġ li titwaqqaf mira ta' ġbir ambizzjuża. Jixraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għal vjeġġi ta' skart ta' EEE użat issuspettat li kien WEEE, b'applikazzjoni ta' liema l-Istati Membri jistgħu iqisu kwalunkwe Linji Gwida rilevanti tal-Korrispondenti mfassla fil- | (14) Sabiex jinkiseb il-livell magħżul ta' protezzjoni u tal-għanijiet ambjentali armonizzati tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jimminimizzaw ir-rimi tal-WEEE bħala skart muniċipali mhux isseparat u biex jinkiseb livell għoli ta' ġbir separat ta' WEEE. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jħabirku biex iwaqqfu skemi ta' ġbir effiċjenti, għandhom ikunu meħtieġa jiksbu livell għoli ta' ġbir ta' WEEE, b'mod partikolari għal tagħmir ta' tkessiħ u ffriżar li jkun fih sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u gassijiet serra fluworinati, minħabba l-impatt qawwi li għandhom fuq l-ambjent u fid-dawl tal-obbligi fir-Regolament (KE) 1005/2009 u r-Regolament (KE) 842/2006. Id-dejta inkluża fil-valutazzjoni tal-impatt turi li 65 % tal-EEE mqiegħed fis-suq, illum diġà qiegħed jinġabar separatament, iżda aktar min-nofsu huwa potenzjalment l-oġġett ta' trattament mhux xieraq u esportazzjoni illegali ***lejn pajjiżi terzi fejn l-istandards ambjentali huma inqas stretti u fejn il-persunal li jittratta l-iskart hu suġġett għal riskji akbar***. Dan iwassal għal nuqqas importanti ta' materja prima sekondarja u degradazzjoni ambjentali. Sabiex dan jiġi evitat jenħtieġ li titwaqqaf mira ta' ġbir ambizzjuża ***u li jkun stabbilit il-prinċipju ta' ġestjoni kosteffikaċi tal-flussi tal-WEEE***. Jixraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti |

kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *ta' l- 14* ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart.

minimi għal vjeġġi ta' skart ta' EEE użat issuspettat li kien WEEE, b'applikazzjoni ta' liema l-Istati Membri jistgħu iqisu kwalunkwe Linji Gwida rilevanti tal-Korrispondenti mfassla fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tal-14* ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart. ***Sabiex jiġi evitat il-ġarr illegali tal-WEEE, l-esportazzjonijiet tal-WEEE lejn pajjiżi terzi għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli aktar stretti.***

Or. lt

**Emenda 89**
**Michail Tremopoulos, Sabine Wils**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 15 a (ġdida)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji Emerġenti u Identifikati Riċentement, fl-opinjoni tiegħu dwar 'Il-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Prodotti tan-Nanoteknoloġija' tad-19 ta' Jannar 2009, iddikjara li l-esponiment għal nanomaterjali li huma integrati sew fi strutturi kbar, pereżempju f'ċirkwiti elettroniċi, jista' jseħħ fil-fażi tar-rimi jew tar-riċiklaġġ tal-iskart. Biex jiġu kkontrollati r-riskji possibbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mit-trattament ta' nanomaterjali li fihom il-WEEE, jista' jinħtieġ trattament selettiv. Ikun xieraq li l-Kummissjoni tivvaluta jekk it-trattament selettiv għandux jiġi applikat għan-nanomaterjali rilevanti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In-nanomaterjali qed jintużaw dejjem aktar fit-tagħmir elettriku u elettroniku. Filwaqt li ħafna applikazzjonijiet jistgħu ma joħolqux problemi waqt it-trattament, ċerti nanomaterjali jistgħu joħolqu problemi, eż. nanotubi tal-karbonju, li dwar wħud minnhom hemm suspett li għandhom karatteristiċi bħal tal-asbestos, jew in-nanofidda. Ikun aħjar li wieħed jevalwa s-sitwazzjoni biex jara jekk hix meħtieġa azzjoni pjuttost milli jinjoraha. Dan huwa konformi mal-pożizzjoni tal-PE dwar l-aspetti regolatorji tan-nanomaterjali tal-2009. (Iddaħħlet mill-ġdid l-emenda 101 tal-ewwel qari).*

**Emenda 90**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Premessa 19**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-utenti ta' EEE minn djar privati għandu jkollhom il-possibbiltà li jirritornaw il-WEEE għall-inqas mingħajr ħlas. Produtturi għandhom jiffinanzjaw tal-anqas il-ġbir u t-trattament, l-irkupru u r-rimi tal-WEEE. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu ***l-produtturi biex jieħdu r-responsabbiltà sħiħa għall-ġbir tal-WEEE b'mod partikolari billi jiffinanzjaw il-ġbir tal-WEEE tul il-katina tal-iskart kollha, inkluż minn djar privati,*** sabiex jevitaw li l-WEEE li jinġabar separatament isir l-oġġett ta' trattament substandard kif ukoll l-esportazzjoni illegali, ***biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd billi l-finanzjament tal-produtturi jiġi armonizzat madwar l-Unjoni kollha u, sabiex il-ħlas*** għall-ġbir ta' dan l-iskart ***ma jibqax isir*** minn dawk li jħallsu t-taxxa ***iżda mill-konsumaturi*** tal-EEE ***u sabiex il-finanzjament ikun konformi*** mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Sabiex jingħata effett massimu lill-kunċett ta' responsabbiltà tal-produttur, kull produttur għandu jkun responsabbli għall-finanzjament tal-ġestjoni tal-iskart mill-prodotti tiegħu stess. Il-produttur għandu jkun jista' jagħżel li jwettaq dan l-obbligu | (19) L-utenti ta' EEE minn djar privati għandu jkollhom il-possibbiltà li jirritornaw il-WEEE għall-inqas mingħajr ħlas. Produtturi għandhom ***għalhekk*** jiffinanzjaw tal-anqas il-ġbir u t-trattament, l-irkupru u r-rimi tal-WEEE. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu ***lill-partijiet kollha involuti fil-ġestjoni tal-WEEE sabiex jgħinu biex jintlaħaq l-objettiv ta' din id-Direttiva*** sabiex jevitaw li l-WEEE li jinġabar separatament isir l-oġġett ta' trattament substandard kif ukoll l-esportazzjoni illegali. ***Sabiex ikun żgurat li l-ħlas*** għall-ġbir ta' dan l-iskart ***jgħaddi*** minn dawk li jħallsu t-taxxa ***għall-konsumaturi*** tal-EEE ***b'konformità*** mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas***, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-produtturi biex jittrattaw il-WEEE kollu miġbur***. ***Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament xieraq, il-konsumaturi għandhom ikunu offruti inċentivi biex jiżguraw li l-EEE fi tmiem il-ħajja tiegħu jittieħed fil-faċilitajiet tal-ġbir.*** Sabiex jingħata effett massimu lill-kunċett ta' responsabbiltà tal-produttur, kull produttur għandu jkun responsabbli għall-finanzjament tal-ġestjoni tal-iskart mill-prodotti tiegħu stess. |

| | |
|---|---|
| jew individwalment jew billi jingħaqad ma' skema kollettiva. Meta jqiegħed prodott fis-suq, kull produttur għandu jipprovdi garanzija finanzjarja biex jipprevjeni li l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-WEEE minn prodotti orfni jiġġarrbu mis-soċjetà jew mill-bqija tal-produtturi. Ir-responsabbiltà għall-finanzjament tal-ġestjoni ta' skart storiku għandha tinqasam bejn il-produtturi kollha eżistenti fi skemi ta' finanzjament kollettivi li għalihom il-produtturi kollha li jeżistu fis-suq meta jseħħu l-ispejjeż jikkontribwixxu proporzjonalment. Skemi ta' finanzjament kollettivi ma għandux ikollhom l-effett li jeskludu produtturi ta' prodotti speċjalizzati (niche) u ta' volumi żgħar, importaturi u dawk li jidħlu ġodda. | Il-produttur għandu jkun jista' jagħżel li jwettaq dan l-obbligu jew individwalment jew billi jingħaqad ma' skema kollettiva. Meta jqiegħed prodott fis-suq, kull produttur għandu jipprovdi garanzija finanzjarja biex jipprevjeni li l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-WEEE minn prodotti orfni jiġġarrbu mis-soċjetà jew mill-bqija tal-produtturi. Ir-responsabbiltà għall-finanzjament tal-ġestjoni ta' skart storiku għandha tinqasam bejn il-produtturi kollha eżistenti fi skemi ta' finanzjament kollettivi li għalihom il-produtturi kollha li jeżistu fis-suq meta jseħħu l-ispejjeż jikkontribwixxu proporzjonalment. Skemi ta' finanzjament kollettivi ma għandux ikollhom l-effett li jeskludu produtturi ta' prodotti speċjalizzati (niche) u ta' volumi żgħar, importaturi u dawk li jidħlu ġodda. ***Fil-każ ta' prodotti li għandhom ħajja twila u li issa huma koperti mid-Direttiva għall-ewwel darba, bħal pereżempju pannelli fotovoltajċi, għandu jsir l-aħjar użu possibbli tas-sistemi eżistenti għall-ġbir u r-riċiklaġġ, ġaladarba sistemi bħal dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva. B'mod partikulari, m'għandhomx ikunu ostakolati sistemi kkonsolidati fuq livell tal-Unjoni, fid-dawl tal-konsistenza tagħhom mal-miri tas-suq intern.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ristabbiliment tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari. L-infrastrutturi eżistenti u ppruvati għandhom ikomplu jieħdu f'idejhom il-ġbir tal-WEEE. F'termini ta' tfassil tat-tagħmir jew benefiċċji ambjentali, il-ġbir ta' finanzjament mid-djar huwa irrilevanti, u t-tibdil fil-qsim tal-piżijiet ma jiggarantixxix rata ogħla ta' ġbir. L-aħjar mezz għar-responsabilizzazzjoni tal-konsumaturi hija l-inċentivizzazzjoni mhux li l-affarijiet iridu jsiru bilfors.*

**Emenda 91**
**Bogusław Sonik**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt c**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) installazzjonijiet fissi ta' skala kbira; | (c) installazzjonijiet fissi ta' skala kbira***, ħlief dawk il-partijiet li huma moduli tad-dawl u fotovoltajċi;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun hemm esklużjoni għall-installazzjonijiet fissi fuq skala kbira, iżda hemm xi partijiet ta' dawk l-installazzjonijiet li għandhom jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. Dan jikkonċerna speċjalment il-moduli tad-dawl u fotovoltajċi, li jistgħu jinbiegħu apparti mill-installazzjoni sħiħa u l-produttur tagħhom ma jkunx neċessarjament jaf l-użu finali tagħhom.*

**Emenda 92**
**Rovana Plumb, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt f**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) tagħmir iddisinnjat speċifikament esklussivament għall-finijiet ta' riċerka u żvilupp li huwa disponibbli biss fuq bażi minn negozju għal negozju ieħor;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda raġunijiet għall-esklużjoni ta' tagħmir użat għal skopijiet ta' riċerka u żvilupp, meta wieħed iqis li dan it-tagħmir kollu għandu jinġabar u jiġi trattat b'mod xieraq u l-ispejjeż għal dawn il-miżuri se jkunu koperti minn prodotturi oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttivi.*

**Emenda 93**
**Gilles Pargneaux**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 2 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fil-każ ta' kwalunkwe bidla fl-ambitu ta' din id-Direttiva, minn waħda bbażata fuq lista eżawrjenti (kamp ta' applikazzjoni magħluq) għal waħda bbażata fuq il-prinċipju ta' inklużjoni awtomatika sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor (kamp ta' applikazzjoni miftuħ), attenzjoni speċjali għandha tingħata lid-definizzjoni ta' esklużjonijiet biex jiżguraw li tagħmir li bħalissa qiegħed fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/96/KE, jibqa' fl-ambitu ta' din id-Direttiva.*** | ***Fil-każ ta' kwalunkwe bidla fl-ambitu ta' din id-Direttiva, minn waħda bbażata fuq lista eżawrjenti (kamp ta' applikazzjoni magħluq) għal waħda bbażata fuq il-prinċipju ta' inklużjoni awtomatika sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor (kamp ta' applikazzjoni miftuħ), attenzjoni speċjali għandha tingħata lid-definizzjoni ta' esklużjonijiet biex jiżguraw li tagħmir li bħalissa qiegħed fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/96/KE, jibqa' fl-ambitu ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Oreste Rossi, Elisabetta Gardini, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt iii**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) jista' jiġi ssostitwit biss ***mill-istess*** tagħmir imfassal b'mod speċifiku; | (iii) jista' jiġi ssostitwit biss ***minn*** tagħmir imfassal b'mod speċifiku ***b'funzjonalitajiet ekwivalenti***; |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*L-espressjoni 'l-istess' tista' twassal għal konfużjoni u tkun tidher bħala ostaklu għall-iżvilupp tekniku.*

**Emenda 95**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt iii**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) jista' jiġi ssostitwit biss ***mill-istess*** tagħmir imfassal b'mod speċifiku; | (iii) jista' jiġi ssostitwit biss ***minn*** tagħmir imfassal b'mod speċifiku u ***b'funzjonalitajiet ekwivalenti***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-espressjoni 'l-istess' tista' twassal għal konfużjoni u tista' titqies bħala ostaklu għall-iżvilupp tekniku.*

**Emenda 96**
**Frédérique Ries**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt iii**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) jista' jiġi ssostitwit biss ***mill-istess*** tagħmir imfassal b'mod speċifiku; | (iii) jista' jiġi ssostitwit biss ***minn*** tagħmir imfassal b'mod speċifiku u ***b'funzjonalitajiet simili***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kliem 'l-istess' jista' joħloq konfużjoni legali u tista' titqies bħala ostakolu għall-addattament tekniku għalhekk huwa preferibbli li jintużaw il-kliem "b'funzjonalitajiet simili" biex jesprimu aħjar din l-idea.*

**Emenda 97**
**Gilles Pargneaux**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Tagħmir elenkat fl-Anness IB tad-Direttiva 2002/96/KE hija eskluża minn din id-definizzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 98**
**Kathleen Van Brempt**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) "makkinarju mobbli mhux tat-triq" tfisser makkinarju, ***attrezzat b'sors tal-enerġija,*** li t-tħaddim tiegħu jkun jeħtieġ jew mobbiltà jew moviment kontinwu jew semi-kontinwu bejn suċċessjoni ta' postijiet ta' ħidma fissi waqt li jkun qiegħed jaħdem. | (d) "makkinarju mobbli mhux tat-triq" tfisser makkinarju, ***mhux maħsub għall-użu normali f'ambjent domestiku jew f'uffiċċju,*** li t-tħaddim tiegħu jkun jeħtieġ jew mobbiltà jew moviment kontinwu jew semi-kontinwu bejn suċċessjoni ta' postijiet ta' ħidma fissi waqt li jkun qiegħed jaħdem*;* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*This addition allows keeping in the scope large office products like e.g. large printers equipped with wheels. Unfortunately a number of professional mobile machines would thereby fall under the scope where they do not belong. These professional machines do not have their own energy source but are depending on other mobile machinery or the electric grid for power. To satisfy the necessity to keep in the scope the large office equipment but at the same time exclude all professional machines used in professional, non-office or non-domestic related environments, this definition is proposed. The use of the word 'domestic' is not unique as already used in the implementing directive under the Eco-design directive.*

**Emenda 99**
**Chris Davies**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) 'skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku' jew 'WEEE' tfisser tagħmir elettriku jew elettroniku li huwa skart skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/ 98 /KE, inklużi l-komponenti kollha, is-submontaturi u l-oġġetti tal-konsum li huma parti mill-prodott fil-waqt li jintrema ; | (e) 'skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku' jew 'WEEE' tfisser tagħmir elettriku jew elettroniku li huwa skart skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/ 98 /KE, inklużi l-komponenti kollha, is-submontaturi u l-oġġetti tal-konsum li huma parti mill-prodott fil-waqt li jintrema ***jew li jinkludu partijiet elettriċi jew elettroniċi essenzjali għal funzjoni tagħhom***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika awto-evidenti, intenzjonata speċifikament biex ikun żgurat li l-mijiet ta' miljuni ta' skrataċ tal-printer mormija kull sena jinġabru għal trattament xieraq u mhux mormija f'landfill.*

**Emenda 100**
**Christofer Fjellner**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f – punt iii**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) li hi stabilita ***fi Stat Membru*** u li tqiegħed fis-suq ta' ***dak l-Istat*** Membru, fuq bażi professjonali, EEE minn pajjiż terz jew minn Stat Membru ieħor, jew | (iii) li hi stabilita ***fl-Unjoni*** u li tqiegħed fis-suq ta' ***Stat*** Membru, fuq bażi professjonali, EEE minn pajjiż terz jew minn Stat Membru ieħor, jew |

Or. en

**Emenda 101**
**Gilles Pargneaux**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) 'WEEE minn djar privati' tfisser WEEE li jiġu minn djar privati u minn sorsi kummerċjali, industrijali, istituzzjonali u sorsi oħra li, minħabba fin-natura u l-kwantità tagħhom, huma simili għal dawk minn djar privati. Skart minn EEE ***li x'aktarx*** jintuża kemm minn djar kif ukoll minn utenti privati minbarra djar privati għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala WEEE minn djar privati; | (h) 'WEEE minn djar privati' tfisser WEEE li jiġu minn djar privati u minn sorsi kummerċjali, industrijali, istituzzjonali u sorsi oħra li, minħabba fin-natura u l-kwantità tagħhom, huma simili għal dawk minn djar privati. Skart minn EEE ***mfassal biex*** jintuża kemm minn djar kif ukoll minn utenti privati minbarra djar privati għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala WEEE minn djar privati; |

Or. en

**Emenda 102**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j – subparagrafi 3 u 4 (ġodda)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jistgħu jeżentaw il-produtturi li, relattivament mal-qies tas-suq nazzjonali, iqiegħdu kwantitajiet żgħar ta' EEE f'dak is-suq, mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, bil-kundizzjoni li dan ma jimpedixxix il-funzjonament adegwat tal-iskemi tal-ġbir u r-riċiklaġġ stabbiliti fuq il-bażi ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jippublikaw tali abbozzi ta' miżuri u r-raġunijiet li għalihom dawn ikunu proposti u għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra permezz tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 21(1).*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika kif msemmija fis-subparagrafu preċedenti, tapprova jew tiċħad l-abbozzi ta' miżuri wara li jkun ivverifikat li huma konsistenti mal-kunsiderazzjonijiet stipulati f'dak is-subparagrafu u li ma jikkostitwixxux*** |

| | |
|---|---|
| | ***mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni f'dan il-perjodu, l-abbozzi tal-miżuri għandhom jitqiesu li ġew approvati;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija miżura importanti biex jiġi żgurat li l-piżijiet amministrattivi jitnaqqsu, b'mod partikolari fost il-komunità tal-SMEs madwar l-Unjoni. Preċedent għal dan l-approċċ jista' jinstab fid-Direttiva dwar batteriji u akkumulaturi (Direttiva 2006/66/KE).*

**Emenda 103**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 o a (ġdid)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(oa) 'It-tagħmir kbir' huwa definit bħala t-tagħmir kollu li fil-prinċipju mhux mobbli jew maħsub biex jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-interess taċ-ċarezza tat-test, tidher ħaġa tajba li d-definizzjoni ta' 'tagħmir kbir' li tidher fl-Emenda 70 tar-rapporteur tiġi spustata għall-Artikolu 3. (Cf. Emenda 78 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 104**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 3 - paragrafu 1 – punt o b (ġdid)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ob) 'Tagħmir żgħir' huwa definit bħala tagħmir li fil-prinċipju hu mobbli u mhuwiex maħsub biex matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-interess taċ-ċarezza tat-test, tidher ħaġa tajba li d-definizzjoni ta' 'tagħmir żgħir' li tidher fl-Emenda 70 tar-rapporteur tiġi spustata għall-Artikolu 3. (Cf. Emenda 78 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 105**
**Chris Davies**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar id-disinn tal-prodott inkluża d-Direttiva 2009/125/KE jinkoraġġixxu kooperazzjoni bejn il-produtturi u dawk li jirriċiklaw u miżuri li jippromwovu d-diżinn u l-produzzjoni ta' EEE notevolment fid-dawl li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid, iż-żarmar u l-irkupru tal-WEEE, il-komponenti u l-materjali tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex produtturi ma jipprevenux, permezz ta' karatteristiċi speċifiċi ta' diżinn jew proċessi ta' manifattura, l-użu mill-ġdid tal-WEEE, għajr jekk karatteristiċi speċifiċi ta' diżinn jew proċessi ta' manifattura ta' dan it-tip jippreżentaw vantaġġi importanti, pereżempju, fir- | L-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar id-disinn tal-prodott inkluża d-Direttiva 2009/125/KE jinkoraġġixxu kooperazzjoni bejn il-produtturi u dawk li jirriċiklaw u miżuri li jippromwovu d-diżinn u l-produzzjoni ta' EEE notevolment fid-dawl li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid, iż-żarmar u l-irkupru tal-WEEE, il-komponenti u l-materjali tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex produtturi ma jipprevenux, permezz ta' karatteristiċi speċifiċi ta' diżinn jew proċessi ta' manifattura, l-użu mill-ġdid tal-WEEE, għajr jekk karatteristiċi speċifiċi ta' diżinn jew proċessi ta' manifattura ta' dan it-tip jippreżentaw vantaġġi importanti, pereżempju, fir- |

| | |
|---|---|
| rigward tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent u/jew ta' sikurezza. | rigward tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent u/jew ta' sikurezza. ***Rekwiżiti għall-ekodiżinn li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid, iż-żarmar jew l-irkupru tal-WEEE jew l-użu mill-ġdid ta' oġġetti li jiġu kkunsmati li jinkludu partijiet elettriċi jew elettroniċi essenzjali għall-funzjoni tagħhom, u li jnaqqsu emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi għandhom jiġu stabbiliti mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014 fil-qafas tal-miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Billi tiddaħħal mill-ġdid il-pożizzjoni mill-ewwel qari iżda jkunu inklużi l-oġġetti li jiġu kkunsmati fir-rekwiżiti tal-ekodisinn, bl-intenzjoni speċifika li jkun żgurat li l-mijiet ta' miljuni ta' skrataċ tal-printer mormija kull sena jinġabru għal trattament xieraq u mhux mormija f'landfill.*

**Emenda 106**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw l-operaturi li jistgħu jiġbru l-WEEE minn djar privati kif imsemmi fil-paragrafu 2. | 3. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2(c),*** l-Istati Membri jistgħu jinnominaw l-operaturi li jistgħu jiġbru l-WEEE minn djar privati kif imsemmi fil-paragrafu 2. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda hija maħsuba biex issolvi inkonsistenza bejn il-paragrafu 2(c) u l-Artikolu 5(3).*

**Emenda 107**
**Oreste Rossi, Elisabetta Gardini, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal dan il-fini, l-Istati Membri jisgħu jeħtieġu li l-iskemi jew il-faċilitajiet ta' ġbir, kif adatt, jipprevedu għas-separazzjoni ***fil-punti ta' ġbir*** tal-WEEE li għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid minn WEEE ieħor miġbur separatament. | Għal dan il-fini, l-Istati Membri jisgħu jeħtieġu li l-iskemi jew il-faċilitajiet ta' ġbir, kif adatt, jipprevedu għas-separazzjoni tal-WEEE li għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid minn WEEE ieħor miġbur separatament. |

Or. it

**Emenda 108**
**Sirpa Pietikäinen**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rata minima ta' ġbir intlaħqitx, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-tagħrif*** dwar il-WEEE li ***huwa miġbur separatament f'konformita' mal-Artikolu 5, jiġi nnotifikat lilhom***. | 2. Sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rata minima ta' ġbir intlaħqitx, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-atturi relevanti inklużi kumpaniji, organizzazzjonijiet u kwalunkwe entità oħra involuta fil-ġbir u t-trattament separat tall-EEE użat, jikkomunikaw, bl-ebda kost għall-Istati Membri, skont l-Artikolu 16 u fuq bażi annwali informazzjoni*** dwar il-WEEE li ***kien:***<br><br>***- imħejji għall-użu mill-ġdid jew mibgħut f'faċilitajiet ta' trattament minn kwalunkwe attur;***<br><br>***– ittieħed f'postijiet tal-ġbir skont l-Artikolu 5(2)(a);***<br><br>***– ittieħed għand distributuri skont l-Artikolu 5(2)(b);***<br><br>***– inġabar b'mod separat mill-produtturi jew minn partijiet terzi f'isimhom, jew***<br><br>***– inġabar b'mod separat b'xi mezzi*** |

***oħrajn.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li l-parteċipazzjoni tiġi estiża għall-atturi kollha biex tkun żgurata kopertura sħiħa tal-flussi kollha tal-WEEE. Skont numru ta' studji, persentaġġ sinifikanti tal-flussi ta' ritorn ma jinqabadx mis-sistemi ta' ġbir tal-WEEE uffiċjali organizzati mill-produtturi u b'mod ieħor ma jkunx innutat u konsegwentement ma jingħatax kont tiegħu skont id-Direttiva WEEE.*

**Emenda 109**
**Vladko Todorov Panayotov, Michail Tremopoulos, Sabine Wils**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 7 – paragrafu 6**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta leġislattiva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, ***sa...;***, jerġgħu jeżaminaw ir-rata ta' ġbir ***ta' 45%*** u ***l-iskadenza relatata*** msemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li ***possibbilment*** jiġu stabbiliti rati ta' ġbir individwali għal xi *wieħed* jew aktar mill-kategoriji li jinsabu fl-Anness III, b'mod partikolari ***għat-tagħmir*** li jibdel it-temperatura ***u għal-lampi li fihom il-merkurju***. | 6. Abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta leġislattiva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, ***sal-31 ta' Diċembru 2012***, jerġgħu jeżaminaw ir-rata ta' ġbir u ***l-iskadenzi*** msemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li possibbilment jiġu stabbiliti rati ta' ġbir individwali għal xi *waħda* jew aktar mill-kategoriji li jinsabu fl-Anness III, b'mod partikolari ***l-pannelli fotovoltajċi, it-tagħmi***r li jibdel it-temperatura, lampi, ***inklużi bozoz, u tagħmir żgħir, inkluż tagħmir żgħir tal-informatika u tat-telekomunikazzjoni***. |
| ______<br>* ĠU: daħħal id-data - 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pannelli fotovoltajċi huma tip ta' EEE speċifiku ħafna. Dawn huma kompletament differenti minn tagħmir kbir ieħor u se jeħtieġu l-iskema ta' ġbir tagħhom stess biex ikunu riċiklati kif xieraq. Huwa għalhekk xieraq l-Kummissjoni tingħata l-kompitu li tipproponi mira ta' ġbir*

*speċifiku għall-pannelli PV, pjuttost milli dawn jibqgħu parti mill-mira ġenerali tal-ġbir. (Emenda ġdida fid-dawl tal-inklużjoni mill-Kunsill tal-pannelli PV fil-kamp ta' applikazzjoni).*

**Emenda 110**
**Michail Tremopoulos, Sabine Wils**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tevalwa bħala prijorità jekk l-entrati rigward bords stampati ta' ċirkwiti għall-mowbajls u skrins tal-kristalli likwidi jeħtieġux jiġu emendati. | Il-Kummissjoni għandha tevalwa bħala prijorità jekk l-entrati rigward bords stampati ta' ċirkwiti għall-mowbajls u skrins tal-kristalli likwidi jeħtieġux jiġu emendati. ***Il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-emendi għall-Anness VII humiex meħtieġa biex jiġu trattati n-nanomaterjali rilevanti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In-nanomaterjali qed jintużaw dejjem aktar fit-tagħmir elettriku u elettroniku. Filwaqt li ħafna applikazzjonijiet jistgħu ma joħolqux problemi waqt it-trattament, ċerti nanomaterjali jistgħu joħolqu problemi, eż. nanotubi tal-karbonju, li dwar wħud minnhom hemm suspett li għandhom karatteristiċi bħal tal-asbestos, jew in-nanofidda. Ikun aħjar li wieħed jevalwa s-sitwazzjoni biex jara jekk hix meħtieġa azzjoni pjuttost milli jinjoraha. Dan huwa konformi mal-pożizzjoni tal-PE dwar l-aspetti regolatorji tan-nanomaterjali tal-2009. (Iddaħħlet mill-ġdid l-emenda 102 tal-ewwel qari).*

**Emenda 111**
**Linda McAvan**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu l-ġarr ta' ebda EEE maħsub għall-użu mill-ġdid sakemm ma jkunx ġie ċċertifikat minn persuna jew entità korporattiva identifikata kompetenti, li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jkun jiffunzjona kompletament u jkollu tikketta li turi dan.*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Vladko Todorov Panayotov, Michail Tremopoulos, Sabine Wils**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fir-rigward tal-WEEE kollu miġbur separatament ***skont l-Artikolu 5*** u mibgħut għat-trattament skont l-Artikoli 8, 9 u 10, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jilħqu l-miri minimi ***mniżżlin fl-Anness V***. | 1. Fir-rigward tal-WEEE kollu miġbur separatament u mibgħut għat-trattament skont l-Artikoli 8, 9 u 10, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jilħqu l-miri minimi ***li ġejjin minn ...*:*** |
| | ***(a) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategoriji 1 u 4 tal-Anness III,*** |
| | ***– 85 % għandu jkun irkuprat,*** |
| | ***– 75 % għandu jkun irriċklat, u*** |
| | ***– 5 % għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid;*** |
| | ***(b) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 2 tal-Anness III,*** |
| | ***– 80 % għandu jkun irkuprat,*** |
| | ***– 65 % għandu jkun irriċklat, u*** |
| | ***– 5 % għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid;*** |
| | ***(c) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 3 tal-Anness III,*** |
| | ***– 75% għandu jkun irkuprat, u*** |
| | ***– 50% għandu jkun irriċklat;*** |
| | ***(d) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 5 tal-Anness III,*** |
| | ***– 75 % għandu jkun irkuprat,*** |
| | ***– 50 % għandu jkun irriċklat, u*** |
| | ***– 5 % għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid;*** |
| | ***(e) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija*** |

| | |
|---|---|
| | ***6 tal-Anness III,*** |
| | ***– 85 % għandu jkun irkuprat,*** |
| | ***– 75 % għandu jkun irriċklat, u*** |
| | ***– 5 % għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid;*** |
| | ***(f) għal lampi li jiskargaw il-gass, 80% għandhom ikunu rriċklati;*** |
| | ***(g) għall-pannelli fotovoltajċi, 80% għandhom ikunu rriċklati.*** |
| | ________ |
| | **** Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun hemm mira ta' rirċiklaġġ separata għall-pannelli PV, minflok mira ġenerali għall-kategorija 4 kollha kemm hi. Dan jiżgura l-istabbiliment ta' skema ta' riċiklaġġ effettiva. L-industrija impenjat ruħha għal mira ta' 80% sal-2015 - għandu wkoll ikun possibbli li tintlaħaq din il-mira qabel. La mira ta' rkupru u lanqas mira ta' użu mill-ġdid mhi sinifikattiva għall-pannelli PV: ftit li xejn hemm prodotti li jistgħu jiġu 'rkuprati' iżda mhux riċiklati, u l-użu mill-ġdid għal tali prodotti ta' ħajja twila li jiżviluppaw malajr ħafna huwa dubjuż.*

**Emenda 113**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fir-rigward tal-WEEE kollu miġbur separatament ***skont l-Artikolu 5*** u mibgħut għat-trattament skont l-Artikoli 8, 9 u 10, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jilħqu l-miri minimi ***mniżżlin fl-Anness V***. | 1. Fir-rigward tal-WEEE kollu miġbur separatament u mibgħut għat-trattament skont l-Artikoli 8, 9 u 10, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jilħqu l-miri minimi ***li ġejjin minn ...*:*** |
| | ***(a) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategoriji 1 u 4 tal-Anness III,*** |
| | ***– 85% għandu jkun irkuprat, u*** |

| | |
|---|---|
| | ***– 75% għandu jkun irriċiklat;*** |
| | ***(b) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 2 tal-Anness III,*** |
| | ***– 80% għandu jiġi rkuprat, u*** |
| | ***– 65% għandu jiġi rriċiklat;*** |
| | ***(c) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 3 tal-Anness III,*** |
| | ***– 75% għandu jkun irkuprat, u*** |
| | ***– 50% għandu jkun irriċiklat;*** |
| | ***(d) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 5 tal-Anness III,*** |
| | ***– 75% għandu jkun irkuprat, u*** |
| | ***– 50% għandu jkun irriċiklat;*** |
| | ***(e) għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 6 tal-Anness III,*** |
| | ***– 85% għandu jkun irkuprat, u*** |
| | ***– 75% għandu jkun irriċiklat;*** |
| | ***(f) għal lampi mpi li jiskargaw il-gass, 85% għandhom ikunu rriċklati.*** |
| | ________ |
| | **** Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Miri separati għall-użu mill-ġdid huma arbitrarji u għandhom jitqiesu sew flimkien mad-Direttiva 2009/125/KE.*

**Emenda 114**
**Bogusław Sonik**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kalkolu tal-miri għandu jiġi vverifikat, għal kull kategorija, billi jiġi diviż il-piż | Il-kalkolu tal-miri għandu jiġi vverifikat, għal kull kategorija, billi jiġi diviż il-piż |

| | |
|---|---|
| tal-WEEE li jidħol fil-faċilità tal-irkupru jew ir-riċiklaġġ/tħejjija għall-użu mill-ġdid, wara trattament adatt ***f'konformità mal-Artikolu 8(2) fir-rigward tal-irkupru jew ir-riċiklaġġ,*** bil-piż tal-WEEE kollu miġbur separatament, għal kull kategorija, u dan jiġi espress bħala persentaġġ. | tal-WEEE li jidħol fil-faċilità tal-irkupru jew ir-riċiklaġġ/tħejjija għall-użu mill-ġdid, wara trattament adatt bil-piż tal-WEEE kollu miġbur separatament, għal kull kategorija, u dan jiġi espress bħala persentaġġ. |
| L-attivitajiet preliminari inkluż it-tqassim ***u l-ħżin*** qabel l-irkupru ma għandhomx jgħoddu għall-kisba ta' dawn il-miri. | L-attivitajiet preliminari inkluż it-tqassim***, il-ħżin u t-trattament preliminari*** qabel l-irkupru ma għandhomx jgħoddu għall-kisba ta' dawn il-miri. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa diffiċli ħafna li wieħed juri kemm-il parti ta' prodott irriċiklat ġiet mill-WEEE. Il-parti l-kbira tal-WEEE li tintbagħat għar-riċiklaġġ tkun riċiklata fil-faċilità.*

**Emenda 115**
**Judith A. Merkies**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta leġislattiva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, sa ..., jeżaminaw mill-ġdid il-miri għall-irkupru msemmija fl-Anness V, Parti 3, u jeżaminaw mill-ġdid il-metodu ta' kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 bil-ħsieb li tiġi analizzata *il-fattibbiltà* li jiġu stabbiliti miri abbażi ta' prodotti u ***l-materjali*** li jirriżultaw (output) mill-proċessi tal-irkupru, ir-riċiklaġġ u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid. | 6. Abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta leġislattiva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, sa ...*, jeżaminaw mill-ġdid il-miri għall-irkupru msemmija fl-Anness V, Parti 3, u jeżaminaw mill-ġdid il-metodu ta' kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 bil-ħsieb li tiġi analizzata *l-fattibbiltà* li jiġu stabbiliti miri abbażi ta' prodotti u ***materja prima*** li jirriżultaw (output) mill-proċessi tal-irkupru, ir-riċiklaġġ u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid. |
| * ĠU: daħħal id-data - 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | * ĠU: daħħal id-data - 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 116**
**Elisabetta Gardini**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li l-produtturi jipprovdu għall-inqas il-finanzjament tal-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent*** tal-WEEE minn djar privati ***li ġew ddepożitati f'faċilitajiet ta' ġbir mwaqqfa skont l-Artikolu 5(2)***. | 1. L-Istati Membri ***jistgħu, meta jkun meħtieġ sabiex itejbu l-ġbir tal-WEEE, jiddisponu għal riżorsi finanzjarji adegwati biex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir*** tal-WEEE ***prodott*** minn djar privati ***li għandhom jinġabru fil-mument tal-bejgħ finali ta' EEE ġodda fuq il-bażi tal-prinċipju 'min iniġġes iħallas', meta wieħed iqis li huma l-bejjiegħa bl-imnut, il-konsumaturi u l-manifatturi li jniġġsu, mhux min iħallas it-taxxi.***<br><br>***Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jiġbor tali riżorsi finanzjarji:***<br><br>***– ir-riżorsi finanzjarji ġġenerati għandhom jintużaw biss biex itejbu l-ġestjoni tal-WEEE u ma għandhomx jaqbżu l-ispiża li fil-fatt tkun saret;***<br><br>***– l-ispejjeż għall-ġbir tal-WEEE u l-ispejjeż tal-informazzjoni provduta għandhom ikunu ppubblikati, biex tkun żgurata t-trasparenza tagħhom;***<br><br>***– ir-riżorsi finanzjarji ġġenerati għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni biss ta' operaturi li huma legalment marbuta li jiġbru l-WEEE;***<br><br>***– il-kriterji għat-tqassim tar-riżorsi finanzjarji fost il-partijiet involuti għandhom jiġu stabbiliti minn kull Stat Membru.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li jiżdied il-ġbir tal-WEEE, mhux li tiżdied it-tassazzjoni b'mod ġenerali. Jekk l-Istat Membru jqis li r-riżorsi l-ġodda huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-ġbir,*

*dawn għandhom ikunu identifikati permezz ta' approċċ sistematiku, mhux billi jkunu spustati l-ispejjeż minn 'entità' għal oħra mingħajr ebda effiċjenza ġenwina. L-ispejjeż għandhom jiġu identifikati b'mod trasparenti u bl-għan li jiżdied il-ġbir. L-aċċess għar-riżorsi għandu jkun permessi biss għal dawk li fil-fatt se jittrattaw il-WEEE: id-distributuri, partikolarment l-impriżi muniċipali.*

**Emenda 117**
**Rovana Plumb, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull produttur jipprovdi garanzija meta jqiegħed prodott fis-suq li tkun turi li l-ġestjoni tal-WEEE kollu se tiġi ffinanzjata u għandhom jiżguraw li l-produtturi jimmarkaw il-prodotti tagħhom b'mod ċar skont l-Artikolu 15(2). L-għan ta' din il-garanzija huwa li tiżgura li l-operazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-prodott jiġu ffinanzjati. Il-garanzija tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni mill-produttur fi skemi xierqa għall-finanzjament tal-ġestjoni tal-WEEE, assikurazzjoni ta' riċiklaġġ jew kont tal-bank ibblokkat. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull produttur jipprovdi garanzija meta jqiegħed prodott fis-suq li tkun turi li l-ġestjoni tal-WEEE kollu se tiġi ffinanzjata u għandhom jiżguraw li l-produtturi jimmarkaw il-prodotti tagħhom b'mod ċar skont l-Artikolu 15(2). L-għan ta' din il-garanzija huwa li tiżgura li l-operazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-prodott jiġu ffinanzjati. Il-garanzija tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni mill-produttur fi skemi xierqa għall-finanzjament tal-ġestjoni tal-WEEE, assikurazzjoni ta' riċiklaġġ jew kont tal-bank ibblokkat. ***Il-garanzija finanzjarja għandha tkun ikkalkulata biex tiżgura l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż reali tal-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja ta' kull oġġett ta' tagħmir.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li jkun żgurat li l-garanzija finanzjarja se tkopri l-ispejjeż kollha tal-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja ta' kull tagħmir elettroniku.*

**Emenda 118**
**Rovana Plumb, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' garanzija finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tal-livell ta' dawn il-garanziji. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 21(2).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tkun possibbli l-implimentazzjoni armonizzata tal-garanziji madwar l-UE, huma meħtieġa rekwiżiti minimi armonizzati.*

**Emenda 119**
**Françoise Grossetête, Sophie Auconie**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 14 – titolu**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Tagħrif għall-utenti | ***Skemi ta' ġbir u*** tagħrif għall-utenti |

Or. fr

**Emenda 120**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 14 – titolu**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Tagħrif għall-utenti | ***Skemi ta' ġbir u*** tagħrif għall-utenti |

Or. en

**Emenda 121**
**Françoise Grossetête, Sophie Auconie**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***jistgħu jeħtieġu*** li l-produtturi juru lix-xerrejja, waqt il-bejgħ ta' ***prodotti ġodda***, l-ispejjeż ***tal-ġbir***, it-trattament u r-rimi li jsiru b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. L-ispejjeż ***imsemmija*** ma għandhomx jaqbżu l-aħjar stima tal- ispejjeż imġarrba realment. | 1. ***Sabiex titqajjem kuxjenza fost l-utenti,*** l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li l-produtturi ***tal-EEE:*** |
| | ***(a) jistabbilixxu, flimkien mad-distributuri, skemi xierqa ta' ġbir għall-volum żgħir ħafna ta' WEEE, li*** |
| | ***(i) għandhom jippermettu lill-utenti finali jarmu volum verament żgħir ta' WEEE f'punt ta' ġbir aċċessibbli u viżibbli fil-ħanut tal-bejjiegħ bl-imnut;*** |
| | ***(ii) jeħtieġu lill-bejjiegħa bl-imnut jieħdu lura volum żgħir ħafna ta' WEEE mingħajr ħlas;*** |
| | ***(iii) ma jinvolvu l-ebda ħlas mill-utenti finali meta jkunu qed jarmu volum żgħir ħafna ta' WEEE, u anqas obbligu li jixtru prodott ġdid tal-istess tip.*** |
| | ***(b) jistgħu*** juru lix-xerrejja, waqt il-bejgħ ta' ***tagħmir ġdid***, l-ispejjeż ***differenti assoċjati mal-ġbir***, it-trattament u r-rimi ***tal-iskart*** li jsiru b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent***, sabiex ikunu aktar trasparenti l-ispejjeż reali tal-ġbir u r-riċiklaġġ tal-WEEE. Dawn*** l-ispejjeż ***differenti*** ma għandhomx jaqbżu l-aħjar |

stima tal-ispejjeż imġarrba realment***, fuq il-bażi ta' kemm jistgħu jinġabru u jkunu riċiklati faċilment il-prodotti u l-materja prima strateġika li jkun fihom.***

***(c) jinfurmaw b'mod attiv lill-utenti finali dwar fejn u kif jistgħu jirritornaw il-volum żgħir ħafna ta' WEEE tagħhom.***

***Distributuri li jagħmlu EEE disponibbli fis-suq biss permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod direttament lid-djar privati jew utenti oħra għajr djar privati għandhom ikunu soġġetti biss għall-obbligi taħt il-punti (a) (ii) u (iii). L-iskema tal-ġbir implimentata minn dawn id-distributuri għandha tippermetti l-utenti finali li jirritornaw volum żgħir ħafna ta' WEEE mingħajr ma dawk l-utenti jkollhom jeħlu kwalunkwe spiża, inkluża tal-kunsinna jew l-ispejjeż tal-posta. Sa mhux aktar tard minn ...*, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 20, definizzjoni ta' 'volum żgħir ħafna ta' WEEE' li tqis ir-riskju li skart bħal dan ma jinġabarx b'mod separat minħabba d-daqs żgħir ħafna tiegħu.***

***L-obbligi f'dan il-paragrafu ma japplikawx għal mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna. Sa mhux aktar tard minn ...*, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 20, definizzjoni ta' 'mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna'.***

______

****12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It-tagħrif għall-utenti u t-trasparenza tal-ispejjeż tal-ġbir u r-riċiklaġġ huma essenzjali għal dawk kollha involuti fil-katina loġistika (mill-produtturi sal-konsumaturi).*

**Emenda 122**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu ***jeħtieġu*** li l-produtturi juru lix-xerrejja, waqt il-bejgħ ta' prodotti ġodda, l-ispejjeż tal-ġbir, it-trattament u r-rimi li jsiru b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. L-ispejjeż imsemmija ma għandhomx jaqbżu l-aħjar stima tal- ispejjeż imġarrba realment. | 1. L-Istati Membri jistgħu ***jippermettu*** li l-produtturi ***volontarjament*** juru lix-xerrejja, waqt il-bejgħ ta' prodotti ġodda, l-ispejjeż tal-ġbir, it-trattament u r-rimi li jsiru b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. L-ispejjeż imsemmija ma għandhomx jaqbżu l-aħjar stima tal- ispejjeż imġarrba realment. |

Or. it

**Emenda 123**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li ***l-produtturi juru lix-xerrejja, waqt il-bejgħ ta' prodotti ġodda, l-ispejjeż tal-ġbir, it-trattament u r-rimi li jsiru b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. L-ispejjeż imsemmija ma għandhomx jaqbżu l-aħjar stima tal- ispejjeż imġarrba realment.*** | 1. ***Sabiex iqajmu kuxjenza fost l-utenti,*** l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li ***d-distributuri kollha ta' EEE żgħir ħafna jistabbilixxu skemi ta' ġbir xierqa għall-volum żgħir ħafna ta' EEE li:*** |
| | ***(a) għandhom jippermettu lill-utenti finali jarmu volum verament żgħir ta' WEEE f'punt ta' ġbir aċċessibbli u viżibbli fil-ħanut tal-bejjiegħ bl-imnut;*** |
| | ***(b) jeħtieġu lill-bejjiegħa bl-imnut jieħdu lura volum żgħir ħafna ta' WEEE mingħajr ħlas;*** |
| | ***(c) ma jinvolvu l-ebda ħlas mill-utenti finali meta jkunu qed jarmu volum żgħir*** |

***ħafna ta' WEEE, u anqas obbligu li jixtru prodott ġdid tal-istess tip.***

***Id-distributuri jistgħu jkunu meħtieġa li jinfurmaw b'mod attiv jinforma lill-utenti finali fejn u kif huma jistgħu jarmu l-volum żgħir ta' WEEE tagħhom b'mod korrett u sikur.***

***Id-distributuri li jfornu EEE direttament lid-djar privati jew utenti oħrajn għajr djar privati biss permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod għandhom ikunu soġġetti biss għall-obbligi taħt is-subparagrafu 1 punti b u c. L-iskema tal-ġbir implimentata minn dawn id-distributuri għandha tippermetti l-utenti finali li jirritornaw volum żgħir ħafna ta' WEEE mingħajr ma dawk l-utenti jkollhom jeħlu kwalunkwe spiża, inkluża tal-kunsinna jew l-ispejjeż tal-posta.***

***Sa mhux aktar tard minn ...*, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 20, rigward definizzjoni ta' 'volum żgħir ħafna ta' WEEE', li tqis ir-riskju li skart bħal dan ma jinġabarx b'mod separat minħabba d-daqs żgħir ħafna tiegħu.***

***L-obbligi f'dan il-paragrafu ma japplikawx għal mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna. Sa mhux aktar tard minn ...*, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 20, rigward definizzjoni ta' 'mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna'.***

________

****12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun inkoraġġit il-ġbir ta' WEEE ta' volum żgħir. Il-metodi kollha disponibbli għandhom jiġu kkunsidrati u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-Istati Membri.*

**Emenda 124**
**Pilar Ayuso, Andres Perello Rodriguez, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri ***jistgħu jeħtieġu*** li l-produtturi ***juru lix-xerrejja, waqt il-bejgħ ta' prodotti ġodda, l-ispejjeż tal-ġbir, it-trattament u r-rimi li jsiru b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent***. ***L-ispejjeż imsemmija ma għandhomx jaqbżu l-aħjar stima tal- ispejjeż imġarrba realment.*** | 1. ***Sabiex titqajjem kuxjenza fost l-utenti,*** l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li l-produtturi ***tal-EEE:*** |
| | ***(a) jistabbilixxu, flimkien mad-distributuri, netwerk għall-ġbir ta' WEEE ta' volum żgħir ħafna li:*** |
| | ***(i) jippermetti lill-utenti finali jarmu ta' WEEE ta' volum żgħir ħafna f'punt ta' ġbir aċċessibbli u viżibbli fil-ħanut tad-distributur;*** |
| | ***(ii) jirrikjedi li ħwienet żgħar jiġbru, u sussegwentement jqiegħdu għad-dispożizzjoni, ta' WEEE ta' volum żgħir ħafna mingħajr spejjeż;*** |
| | ***(iii) ma jinvolvi l-ebda ħlas mill-utenti finali meta jkunu qed jarmu ta' WEEE ta' volum żgħir ħafna, u anqas obbligu li jixtru prodott ġdid tal-istess tip;*** |
| | ***(b) ikun jista' juri, fil-mument tax-xiri ta' prodotti ġodda, l-ispejjeż differenti tal-ġbir, tat-trattament u tar-rimi, b'hekk jagħmel aktar evidenti l-ispejjeż tal-ġbir u tar-riċiklaġġ tal-WEEE; l-ispejjeż differenti msemmija ma għandhomx jaqbżu l-aqwa stima tal-ispejjeż imġarrba realment, fuq il-bażi ta' kemm jistgħu jinġabru u jkunu riċiklati faċilment il-prodotti u l-materja prima kritika li jkun fihom;*** |
| | ***(c) jinforma b'mod attiv lill-utenti finali dwar fejn u kif jistgħu jarmu volum żgħir ħafna ta' WEEE b'mod korrett u sikur.*** |

***Id-distributuri li jfornu EEE direttament lid-djar privati jew utenti oħrajn għajr djar privati biss permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod għandhom ikunu soġġetti biss għall-obbligi taħt il-paragrafu 1 (a)(i) u (ii). L-iskema tal-ġbir implimentata minn dawn id-distributuri għandha tippermetti l-utenti finali li jirritornaw ta' WEEE ta' volum żgħir ħafna mingħajr ma dawk l-utenti jkollhom jeħlu kwalunkwe spiża, inkluża tal-kunsinna jew l-ispejjeż tal-posta.***

***Sa mhux aktar tard minn ...*, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 20, rigward definizzjoni ta' 'volum żgħir ħafna ta' WEEE', li tqis ir-riskju li skart bħal dan ma jinġabarx b'mod separat minħabba d-daqs żgħir ħafna tiegħu.***

***L-obbligi f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna. Sa mhux aktar tard minn ...*, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 20, rigward definizzjoni ta' 'mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna'.***

______________

****12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm nuqqas ta' tagħrif dwar kif wieħed għandu jarmi* ***ta' WEEE*** **ta'** ***volum żgħir ħafna*** *b'mod korrett, u għalhekk il-konsumaturi sempliċement jarmu l-biċċa l-kbira fiż-żibel. L-obbligi ta' kull min hu involut jeħtieġ li jkunu stabbiliti b'mod ċar ħafna. Dan huwa assolutament essenzjali fil-każ ta' bozoz tad-dawl stil antik, li qiegħdin jitneħħew gradwalment fuq skala kbira u li qed ikunu mibdula minn bozoz ta' enerġija baxxa.*

**Emenda 125**
**Sirpa Pietikäinen**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 16 – paragrafu 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiġbru tagħrif, inklużi stimi ssostanzjati, fuq bażi annwali dwar il-kwantitajiet u l-kategoriji ta' EEE li jitqiegħed fis-swieq tagħhom, li jinġabar tul ir-rotot kollha, li jiġi ppreparat għall-użu mill-ġdid, li jintuża mill-ġdid, jiġi rriċiklat u rkuprat fl-Istati Membri, u dwar ***WEEE*** miġbur separatament li jiġi esportat, skont il-piż. | 4. L-Istati Membri għandhom jiġbru tagħrif, inklużi stimi ssostanzjati, fuq bażi annwali dwar il-kwantitajiet u l-kategoriji ta' EEE li jitqiegħed fis-swieq tagħhom, li jinġabar tul ir-rotot kollha, ***u minn kwalunkwe attur inklużi kumpaniji, organizzazzjonijiet u entitajiet oħra involuti fil-ġbir u l-ġestjoni separat ta' EEE użat,*** li jiġi ppreparat għall-użu mill-ġdid, li jintuża mill-ġdid, jiġi rriċiklat u rkuprat fl-Istati Membri, u dwar ***EEE użat*** miġbur separatament li jiġi esportat, skont il-piż. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda testendi r-rekwiżiti ta' informazzjoni biex jitqiesu l-flussi EEE u WEEE użati kollha "mill-atturi kollha". Hija meħtieġa  biex tgħin sabiex jintlaħqu l-miri tal-emenda għall-Artikolu 7.2.  lio tindirizza l-fatt li mhux il-flussi ta' ritorn kollha jinqabdu mis-sistemi ta' ġbir tal-WEEE uffiċjaliorganizzati mill-produtturi.*

**Emenda 126**
**Michail Tremopoulos, Sabine Wils**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 23 – paragrafu 2**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġarr ta' EEE użat ***suspettat li hu WEEE*** isir skont ir-rekwiżiti minimi fl-Anness VI u għandhom jissorveljaw tali ġarr kif meħtieġ. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġarr ta' EEE użat isir skont ir-rekwiżiti minimi fl-Anness VI u għandhom jissorveljaw tali ġarr kif meħtieġ. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda biex ikun hemm koerenza mal-emendi 73 u 74 tar-rapporteur. Il-vjeġġi tal-EEE użati kollha għandhom isiru b' konformità mar-rekwiżiti minimi tal-Anness VI, u mhux biss dawk "suspettati" li huma WEEE. x'inhu suspettuż u x'mhux, hija kwestjoni soġġettiva ħafna fiha nnifisha u għalhekk ma tistax isservi bħala bażi għar-rekwiżi rilevanti ta' din id-direttiva. Inkella, se jkun hemm lok għal lakuna potenzjali kbira*

**Emenda 127**
**Oreste Rossi, Elisabetta Gardini, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 23 – paragrafu 3**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ispejjeż tal-analiżijiet u l-ispezzjonijiet adatti, inklużi l-ispejjeż tal-ħżin, ta' EEE użat issuspettat li hu WEEE, jistgħu jintalbu mill-produttur, lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew lil persuni oħrajn li jagħmlu l-arranġamenti għall-ġarr ta' EEE użat issuspettat li huwa WEEE. | 3. L-ispejjeż tal-analiżijiet u l-ispezzjonijiet adatti, inklużi l-ispejjeż tal-ħżin, ta' EEE użat issuspettat li hu WEEE, jistgħu jintalbu mill-produttur, lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew lil persuni oħrajn li jagħmlu l-arranġamenti għall-ġarr ta' EEE użat issuspettat li huwa WEEE ***biss f'każi fejn l-EEE użat li ġie analizzat u spezzjonat jagħti prova li huwa tabilħaqq WEEE.*** |

Or. it

**Emenda 128**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 23 – paragrafu 3**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ispejjeż tal-analiżijiet u l-ispezzjonijiet adatti, inklużi l-ispejjeż tal-ħżin, ta' EEE użat ***issuspettat li hu WEEE***, jistgħu jintalbu mill-produttur, lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew lil persuni oħrajn li jagħmlu l-arranġamenti għall-ġarr ta' EEE użat ***issuspettat*** li huwa WEEE. | 3. L-ispejjeż tal-analiżijiet u l-ispezzjonijiet adatti, inklużi l-ispejjeż tal-ħżin, ta' EEE użat jistgħu jintalbu mill-produttur, lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew lil persuni oħrajn li jagħmlu l-arranġamenti għall-ġarr ta' EEE użat ***fejn ikun hemm provi*** li huwa WEEE. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-impożizzjoni ta' spejjeż minħabba suspett mingħajr ma l-awtortajiet ikunu responsabbli biex iqisu l-probabbiltà jew il-provi, tmur kontra kull loġika*

**Emenda 129**
**Chris Davies**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 23 – paragrafu 3 a to 3 d (ġdid)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom joħolqu reġistru nazzjonali ta' faċilitajiet rikonoxxuti ta' ġbir u trattament. Dawk il-faċilitajiet li l-opertauri tagħhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(3) biss għandhom jiddaħħlu f'dak ir-reġistru nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-kontenut tar-reġistru.*** |
| | ***3b. Operaturi tal-faċilità għandhom iressqu prova annwali tal-konformità tagħhom ma' din id-Direttiva, u għandhom iressqu rapporti lill-awtoritajiet kompetenti, b'konformità mal-paragrafi 3c u 3d sabiex iżommu l-istejtus tagħhom ta' faċilitajiet tat-trattament rikonoxxuti.*** |
| | ***3c. L-operaturi ta' faċilitajiet ta' ġbir għandhom iressqu rapporti annwalment sabiex jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jqabblu l-volum ta' WEEE miġbur mal-volum ta' WEEE li fil-fatt ġie trasferit għal faċilitajiet ta' rkupru jew riċiklaġġ. Il-WEEE għandu jkun trasferit esklussivament lejn faċilitajiet rikonoxxuti ta' rkupru u trattament.*** |
| | ***3d. L-operaturi ta' faċilitajiet ta' trattament għandhom fuq bażi annwali jissottomettu rapporti lill-awtoritajiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***kompetenti sabiex jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jqabblu l-ammont ta' WEEE li ttieħed mis-sidien jew minn faċilitajiet ta' ġbir rikonoxxuti mal-ammont ta' WEEE li kien verament irkuprat, riċiklat, jew b'konformità mal-Artikolu 10, espo.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda miftiehma fl-ewwel qari, li l-iskop tagħha hu li tiżgura li l-Istati Membri u l-operaturi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex dawk kollha kkonċernati jkunu sodisfatti li l-leġiżlazzjoni qiegħda tiġi implimentata kif suppost u b'mod effikaċi. Jista' jkun hemm qbil mal-Kunsill dwar kompromessi lijissimplifikaw it-test u li permezz tagħhom tkun evitata d-dupliklazzjoni ma' leġiżlazzjoni oħra.*

**Emenda 130**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 1 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Tagħmir li jibdel it-temperatura | 1. Tagħmir li jibdel it-temperatura ***bl-użu ta' fluwidi li mhumiex ilma*** |

Or. it

**Emenda 131**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 2 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Skrins, moniters, ***u tagħmir li fih skrins b'wiċċ akbar minn 100cm2*** | 2. Skrins ***u*** moniters |

Or. it

*(Cf. Emenda 78 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 132**
**Peter Liese, Françoise Grossetête**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 3 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Lampi | 3. Lampi ***u dwal*** |

Or. de

**Emenda 133**
**Pilar Ayuso, Andres Perello Rodriguez, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 3 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Lampi | 3. Lampi ***u dwal*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Żviluppi teknoloġiċi (b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-LEDs u dijodi organiċi) ifissru li d-differenza bejn lampi u dwal qiegħda ssir anqas evidenti. Mhuwiex faċli għall-produtturi, il-konsumaturi u dawk involuti fiċ-riċiklaġġ li jiddeterminaw jekk LED integrat huwiex lampa jew oġġett li jdawwal Dan jaqbel mal-mod kif it-teknoloġija qiegħda tiżviluppa, peress li biż-żmien mhux se jkun hemm differenza bejn lampa u oġġett li jdawwal.*

**Emenda 134**
**Peter Liese, Françoise Grossetête**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Tagħmir kbir ***(ta' tul wieħed akbar*** | 4. ***Apparat*** kbir***, bl-eċċezzjoni ta' apparat tat-tkessiħ u radjaturi, skrins u moniters,*** |

| | |
|---|---|
| ***minn 50cm) inklużi:*** | ***u lampi u dwal. Apparat kbir huwa definit bħala l-apparat kollu li fil-prinċipju mhuwiex mobbli jew li fil-prinċipju hu maħsub biex matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża.*** |
| ***Apparat domestiku; tagħmir ta' IT u telekomunikazzjoni; tagħmir tal-konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, tagħmir mużikali; għodda elettrika u elettronika; ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u sport; apparat mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; dispensers awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3.*** | |

Or. de

**Emenda 135**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 4 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Tagħmir kbir ***(ta' tul wieħed akbar minn 50cm) inklużi:*** | 4. Tagħmir kbir ***li ma jaqax taħt il-Kategoriji 1, 2 u 3*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Id-distinzjoni bejn kbir u żgħir abbażi tad-dimensjoni lineari hija kompletament arbitrarja L-emenda hi mmirata biex tikkjarifika t-test tal-Emenda 70 tar-rapporteur (cf. Emenda 70 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 136**
**Pilar Ayuso, Andres Perello Rodriguez, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Tagħmir*** kbir ***(ta' tul wieħed akbar minn 50cm) inklużi:*** | 4. ***Apparat*** kbir***, bl-eċċezzjoni ta' apparat tat-tkessiħ u radjaturi, skrins u moniters u lampi u dwal. Apparat kbir huwa definit bħala apparat li fil-prinċipju mhuwiex mobbli jew li fil-prinċipju hu maħsub biex matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża.*** |
| ***Apparat domestiku; tagħmir ta' IT u telekomunikazzjoni; tagħmir tal-konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, tagħmir mużikali; għodda elettrika u elettronika; ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u sport; apparat mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; dispensers awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3.*** | |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Żviluppi teknoloġiċi (b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-LEDs u dijodi organiċi) ifissru li d-differenza bejn lampi u dwal qiegħda ssir anqas evidenti. Mhuwiex faċli għall-produtturi, il-konsumaturi u dawk involuti fiċ-riċiklaġġ jiddeterminaw jekk LED integrat huwiex lampa jew oġġett li jdawwal. Dan jaqbel mal-mod kif it-teknoloġija qiegħda tiżviluppa, peress li biż-żmien mhux se jkun hemm differenza bejn lampa u oġġett li jdawwal.*

**Emenda 137**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 4 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Apparat domestiku; tagħmir ta' IT u telekomunikazzjoni; tagħmir tal-*** | ***imħassar*** |

***konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, tagħmir mużikali; għodda elettrika u elettronika; ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u sport; apparat mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; dispensers awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3.***

Or. it

**Emenda 138**
**Peter Liese, Françoise Grossetête**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 5**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Tagħmir żgħir ***(ta' tul ta' mhux aktar minn 50cm) inklużi:*** | 5. ***Apparat*** żgħir, ***bl-eċċezzjoni ta' apparat tat-tkessiħ u radjaturi, skrins u moniters, u lampi u dwal u tagħmir tat-telekomunikazzjoni u tal-IT. Apparat żgħir huwa definit bħala apparat li fil-prinċipju jista' jiċċaqlaq u mhuwiex maħsub biex matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża.*** |
| ***Apparat domestiku; tagħmir ta' IT u telekomunikazzjoni; tagħmir tal-konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, tagħmir mużikali; għodda elettrika u elettronika; ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u sport; apparat mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; dispensers awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3.*** | |

Or. de

**Emenda 139**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 5 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Tagħmir żgħir ***(ta' tul ta' mhux aktar minn 50cm) inklużi:*** | 5. Tagħmir żgħir ***li ma jaqax taħt il-Kategoriji 1, 2 u 3*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Id-distinzjoni bejn kbir u żgħir abbażi tad-dimensjoni lineari hija kompletament arbitrarja L-emenda hi intiża biex tikkjarifika t-test tal-Emenda 70 tar-rapporteur (cf. Emenda 70 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 140**
**Pilar Ayuso, Andres Perello Rodriguez, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 3 – punt 5**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Tagħmir żgħir ***(ta' tul ta' mhux aktar minn 50cm) inklużi:*** | 5. ***Apparat*** żgħir, ***bl-eċċezzjoni ta' apparat tat-tkessiħ u radjaturi, skrins u moniters, u lampi u dwal u tagħmir tat-telekomunikazzjoni u tal-IT. Apparat żgħir huwa definit bħala apparat li fil-prinċipju jista' jiċċaqlaq u mhuwiex maħsub biex matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża.*** |
| ***Apparat domestiku; tagħmir ta' IT u telekomunikazzjoni; tagħmir tal-konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, tagħmir mużikali; għodda elettrika u elettronika; ġugarelli, tagħmir ta'*** | |

***divertiment u sport; apparat mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; dispensers awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3.***

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Żviluppi teknoloġiċi (b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-LEDs u dijodi organiċi) ifissru li d-differenza bejn lampi u dwal qiegħda ssir anqas evidenti. Mhuwiex faċli għall-produtturi, il-konsumaturi u dawk involuti fiċ-riċiklaġġ jiddeterminaw jekk LED integrat huwiex lampa jew oġġett li jdawwal. Dan jaqbel mal-mod kif it-teknoloġija qiegħda tiżviluppa, peress li biż-żmien mhux se jkun hemm differenza bejn lampa u oġġett li jdawwal.*

**Emenda 141**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness I – punt 5 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Apparat domestiku; tagħmir ta' IT u telekomunikazzjoni; tagħmir tal-konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, tagħmir mużikali; għodda elettrika u elettronika; ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u sport; apparat mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; dispensers awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 142**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 1 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Tagħmir li jibdel it-temperatura | 1. Tagħmir li jibdel it-temperatura ***bl-użu ta' fluwidi li mhumiex ilma*** |

Or. it

**Emenda 143**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 1 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Refriġeraturi, Friżi, Tagħmir li awtomatikament iwassal prodotti kesħin, Tagħmir tal-klimatizzazzjoni tal-arja, Tagħmir Deumidifikanti, Pompi tas-sħana. Radjaturi li fihom żejt u tagħmir ieħor li jibdel it-temperatura li juża' fluwidi għajr l-ilma għat-tibdil tat-temperatura. | Refriġeraturi, Friżi, Tagħmir li awtomatikament iwassal prodotti kesħin, Tagħmir tal-klimatizzazzjoni tal-arja, Tagħmir Deumidifikanti, Pompi tas-sħana ***li ma jagħmlux parti minn installazzjonijiet fissi kbar,*** Radjaturi li fihom żejt u tagħmir ieħor li jibdel it-temperatura li juża' fluwidi għajr l-ilma għat-tibdil tat-temperatura. |

Or. it

**Emenda 144**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 1 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Refriġeraturi, Friżi, ***Tagħmir li awtomatikament iwassal prodotti*** kesħin, ***Tagħmir tal-klimatizzazzjoni tal-arja, Tagħmir Deumidifikanti,*** Pompi tas-sħana. Radjaturi li fihom żejt u tagħmir ieħor li jibdel it-temperatura li juża' fluwidi għajr l-ilma għat-tibdil tat-temperatura. | – Refriġerejters |

| | |
|---|---|
| | – Friżers<br>– Apparat għad-distribuzzjoni jew bejgħ awtomatiku ta' ***prodotti*** kesħin<br>– ***Apparat*** tal-arja kondizzjonata<br>– Deumidifikanti:<br>– Pompi tas-sħana:<br>– Radjaturi li fihom iż-żejt<br>– u tagħmir ieħor li jibdel it-temperatura li juża' fluwidi għajr l-ilma għat-tibdil tat-temperatura. |

Or. en

**Emenda 145**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 2 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Skrins, moniters, ***u tagħmir li fih skrins b'wiċċ akbar minn 100cm2*** | 2. Skrins ***u*** moniters |

Or. it

*(Cf. Emenda 97 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 146**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 2 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Skrins, ***moniters, u tagħmir li fih skrins b'wiċċ akbar minn 100cm2*** | 2. Skrins ***u*** moniters |

Or. en

**Emenda 147**
**Pavel Poc**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 2 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Skrins, Televiżjonijiet, Kwadri tar-ritratti LCD, Moniters, Laptops, Notebooks. | Skrins, Televiżjonijiet, Kwadri tar-ritratti LCD, Moniters, Laptops, Notebooks, ***Tablets***. |

Or. en

**Emenda 148**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 2 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Skrins, Televiżjonijiet, Kwadri tar-ritratti LCD, Moniters, ***Laptops, Notebooks.*** | – Skrins<br>– Televiżjonijiet<br>– kwadru tar-ritratti LCD<br>– Moniters |

Or. en

**Emenda 149**
**Peter Liese, Françoise Grossetête**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 3**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Lampi | 3. Lampi ***u oġġetti li jdawwlu*** |
| Lampi fluworexxenti dritti, Lampi fluworexxenti kumpatti, Lampi fluworexxenti, Lampi bi skariku elettriku | – Lampi florexxenti dritti |

ta' intensità għolja - inkluż lampi tas-sodju bi pressa u lampi tal-alid tal-metall, Lampi tas-sodju bi pressa baxxa, LED.

***– Dwal kbar u apparat ieħor li jxerred id-dawl***

***– Dwal żgħar u apparat ieħor li jxerred jew jikkontrolla d-dawl***

– Lampi florexxenti kompatti

– Lampi florexxenti

– Lampi tad-discharge ta' intensità għolja, inklużi lampi tas-sodju bi pressa u lampi alidi tal-metall

– Lampi tas-sodju bi pressjoni baxxa

– *LEDs*

***– Dwal żgħar u kbar u apparat ieħor li jxerred jew jikkontrolla d-dawl***

Or. de

**Emenda 150**
**Andres Perello Rodriguez, Pilar Ayuso, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 3 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Lampi | 3. Lampi ***u oġġetti li jdawwlu*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Żviluppi teknoloġiċi (b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-LEDs u dijodi organiċi) ifissru li d-differenza bejn lampi u dwal qiegħda ssir anqas evidenti. Mhuwiex faċli għall-produtturi, il-konsumaturi u dawk involuti fiċ-riċiklaġġ jiddeterminaw jekk LED integrat huwiex lampa jew oġġett li jdawwal. Dan jaqbel mal-mod kif it-teknoloġija qiegħda tiżviluppa, peress li biż-żmien mhux se jkun hemm differenza bejn lampa u oġġett li jdawwal.*

**Emenda 151**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 3 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Lampi | 3. Lampi ***u dwal*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Andres Perello Rodriguez, Pilar Ayuso, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 3 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Lampi fluworexxenti dritti, Lampi fluworexxenti kumpatti, Lampi fluworexxenti, Lampi bi skariku elettriku ta' intensità għolja - inkluż lampi tas-sodju bi pressa u lampi tal-alid tal-metall, Lampi tas-sodju bi pressa baxxa, LED. | Lampi fluworexxenti dritti, Lampi fluworexxenti kumpatti, Lampi fluworexxenti, Lampi bi skariku elettriku ta' intensità għolja - inkluż lampi tas-sodju bi pressa u lampi tal-alid tal-metall, Lampi tas-sodju bi pressa baxxa, LED, ***oġġetti li jdawlu u apparat ieħor li jdawwal jew jikkontrolla d-dawl.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Żviluppi teknoloġiċi (b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-LEDs u dijodi organiċi) ifissru li d-differenza bejn lampi u dwal qiegħda ssir anqas evidenti. Mhuwiex faċli għall-produtturi, il-konsumaturi u dawk involuti fiċ-riċiklaġġ jiddeterminaw jekk LED integrat huwiex lampa jew oġġett li jdawwal. Dan jaqbel mal-mod kif it-teknoloġija qiegħda tiżviluppa, peress li biż-żmien mhux se jkun hemm differenza bejn lampa u oġġett li jdawwal.*

**Emenda 153**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 3 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Lampi fluworexxenti dritti, Lampi fluworexxenti kumpatti, Lampi fluworexxenti, Lampi bi skariku elettriku ta' intensità għolja - inkluż lampi tas-sodju bi pressa u lampi tal-alid tal-metall, Lampi tas-sodju bi pressa baxxa, LED. | – Lampi florexxenti dritti |
| | – Lampi florexxenti kompatti |
| | – Lampi florexxenti |
| | – Lampi tad-discharge ta' intensità għolja, inklużi lampi tas-sodju bi pressa u lampi alidi tal-metall |
| | – Lampi tas-sodju bi pressa baxxa |
| | – ***Lampi*** LED |
| | ***– Dwal kbar u apparat ieħor li jxerred jew jikkontrolla d-dawl*** |

Or. en

**Emenda 154**
**Peter Liese, Françoise Grossetête**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Tagħmir kbir | 4. ***Apparat*** kbir |
| Magni tal-ħasil ta' ħwejjeġ, Dryers tal-ħwejjeġ, Magni tal-ħasil tal-platti, Cookers, Stufi elettriċi, Hot plates elettriċi, Dwal, Tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, Tagħmir mużikali (esklużi orgnijiet installati fi knejjes); Apparat għall-ħdim tal-labar u l-insiġ, Servers lokali kbar (mainframes), Stampaturi kbar, Tagħmir għall-ikkuppjar, Slot machines kbar, Apparat mediku kbir, Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll kbar, ***Apparat kbir li awtomatikament iwassal prodotti u flus, Pannelli fotovoltajċi.*** | ***– Apparat kbir għat-tisjir u għall-ipproċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju hot plates tal-elettriku, fran tal-elettriku, kukers tal-elettriku, microwaves, magni tal-kafè installati fil-post)*** |

***– Hoods tal-kċina***

***– Magni kbar għat-tindif (bħal pereżempju*** magni għall-ħasil tal-ħwejjeġ, magni li jnixxfu l-ħwejjeġ, ***magni li jaħslu l-platti)***

***– Apparat kbir li jsaħħan (bħal pereżempju ħiters kbar bil-fann, spiritieri tal-elettriku, sistemi li jsaħħnu l-irħam jew ġebel naturali, sistemi għat-tisħin tal-pixxini u tagħmir kbir ieħor li jsaħħan il-kmamar, is-sodod u l-għamara li tpoġġi bilqiegħda fuqha)***

***– Apparat kbir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju solarji, sawni, siġġijiet li jagħmlu l-massaġġi)***

***– Apparat kbir tal-IT u t-telekomunikazzjoni (bħal pereżempju*** kompjuters kbar, ***servers, infrastruttura u tagħmir tan-netwerks fiss***, printers kbar, apparat li jagħmel il-kopji, ***settijiet tat-telefown li jaħdmu bil-muniti)***

***– Apparat kbir għal waqt il-mistrieħ u l-isport (bħal pereżempju tagħmir tal-isport b'komponenti tal-elettriku jew elettroniċi,*** magni tal-logħob li jaħdmu bil-muniti)

***– Tagħmir li jirriproduċi l-ħsejjes jew l-immaġnijiet.***

***– Tagħmir mużikali (bl-esklużjoni ta' orgnijiet installati fil-knejjes)***

***– Għodda u makkinarju industrijali tal-elettriku u elettroniku kbar bl-esklużjoni ta' għodda fissa industrijali kbira u makkinarju mobbli mhux tat-triq u apparat intiż għall-użu ta' utenti professjonali biss (pereżempju apparat għall-ħdim tal-labar u l-insiġ)***

***– Apparat kbir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (bħal perezempju ġeneraturi, transformers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS), tagħmir li jibdel kurrenti alternati f'kurrenti diretti jew bil-maqlub)***

- Apparat mediku kbir

| | |
|---|---|
| | – Strumenti kbar ta' mmonitorjar u ta' kontroll |
| | ***– Strumenti ta' kejl u installazjonijet kbar (bħal pereżempju mwieżen, magni installati f'post fiss)*** |
| | – Apparat kbir ***li jipprovdi/jbigħ prodotti b'mod awtomatiku u għall-għoti awtomatiku ta' servizzi sempliċi (pereżempju magni tal-bejgħ, ATMs, apparat għall-ġbir ta' kontenituri vojta, photo booths*** ) |

Or. de

**Emenda 155**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 4 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Tagħmir kbir | 4. Tagħmir kbir ***li ma jaqax taħt il-Kategoriji 1, 2 u 3*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*(Cf. Emenda 97 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 156**
**Andres Perello Rodriguez, Pilar Ayuso, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Tagħmir kbir | 4. ***Apparat*** kbir |
| Magni tal-ħasil ta' ħwejjeġ, ***Dryers tal-ħwejjeġ, Magni tal-ħasil tal-platti, Cookers, Stufi elettriċi, Hot plates elettriċi, Dwal, Tagħmir li jirriproduċi*** | ***– Apparat kbir għat-tisjir u għall-ipproċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju hot plates tal-elettriku, fran tal-elettriku, kukers tal-elettriku,*** |

***ħsejjes jew immaġnijiet, Tagħmir mużikali (esklużi orgnijiet installati fi knejjes); Apparat għall-ħdim tal-labar u l-insiġ,*** Servers lokali kbar (mainframes), Stampaturi kbar, Tagħmir għall-ikkuppjar, ***Slot machines kbar,*** Apparat mediku kbir, Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll kbar, ***Apparat kbir li awtomatikament iwassal prodotti u flus,*** Pannelli fotovoltajċi.

***microwaves, magni tal-kafè installati fil-post)***

***– Estratturi***

***– Magni kbar għat-tindif (bħal pereżempju*** magni għall-ħasil tal-ħwejjeġ, magni li jnixxfu l-ħwejjeġ, ***magni li jaħslu l-platti)***

***– Apparat kbir li jsaħħan (bħal pereżempju ħiters kbar tal-fann, spiritieri tal-elettriku, sistemi li jsaħħnu l-irħam jew ġebel naturali, sistemi għat-tisħin tal-pixxini u tagħmir kbir ieħor li jsaħħan il-kmamar, is-sodod u l-għamara li tpoġġi bilqiegħda fuqha)***

***– Apparat kbir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju solarji, sawni, siġġijiet li jagħmlu l-massaġġi)***

***– Apparat kbir tal-IT u t-telekomunikazzjoni (bħal pereżempju*** kompjuters kbar, ***servers, infrastruttura u tagħmir tan-netwerks fiss***, printers kbar, tagħmir li jagħmel il-kopji, ***settijiet tat-telefown li jaħdmu bil-muniti)***

***– Apparat kbir għal ħin liberu u l-isport (bħal pereżempju tagħmir tal-isport b'komponenti tal-elettriku jew elettroniċi, magni tal-logħob li jaħdmu bil-muniti)***

***– Tagħmir li jirriproduċi l-ħsejjes jew l-immaġnijiet.***

***– Tagħmir musikali (bl-esklużjoni ta' orgnijiet installati fil-knejjes)***

***– Għodda u makkinarju industrijali tal-elettriku u elettroniċi kbar bl-esklużjoni ta' għodda stazzjonarja industrijali kbira u makkinarju mobbli mhux tat-triq u apparat intiż għall-użu ta' utenti***

| | |
|---|---|
| | ***professjonali biss (pereżempju apparat għall-ħdim tal-labar u l-insiġ)*** |
| | ***– Apparat kbir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (bħal pereżempju ġeneraturi, transformers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS), tagħmir li jibdel kurrenti alternati f'kurrenti diretti jew bil-maqlub)*** |
| | - Apparat mediku kbir |
| | – Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll kbar |
| | ***– Strumenti ta' kejl u installazjonijet kbar (bħal pereżempju mwieżen, magni installati f'post fiss)*** |
| | ***– Apparat kbir li jipprovdi/jbigħ prodotti b'mod awtomatiku u għall-għoti awtomatiku ta' servizzi sempliċi (pereżempju magni tal-bejgħ, ATMs, apparat għall-ġbir ta' kontenituri vojta, photo booths)*** |
| | – Pannelli fotovoltajċi. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Żviluppi teknoloġiċi (b'mod partikolari fid-dawl tal-LEDs u dijodi organiċi) ifissru li d-differenza bejn lampi u dwal qiegħda ssir anqas evidenti. Mhuwiex faċli għall-produtturi, il-konsumaturi u dawk involuti fiċ-riċiklaġġ jiddeterminaw jekk LED integrat huwiex lampa jew oġġett li jdawwal. Dan jaqbel mal-mod kif it-teknoloġija qiegħda tiżviluppa, peress li biż-żmien mhux se jkun hemm differenza bejn lampa u oġġett li jdawwal.*

**Emenda 157**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 4 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Tagħmir kbir | 4. ***Apparat*** kbir |

Or. en

**Emenda 158**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 4 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Magni tal-ħasil ta' ħwejjeġ, ***Dryers tal-ħwejjeġ, Magni tal-ħasil tal-platti, Cookers, Stufi elettriċi, Hot plates elettriċi, Dwal, Tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet,*** Tagħmir mużikali ***(esklużi orgnijiet installati fi knejjes);*** Apparat għall-ħdim tal-labar u l-insiġ, ***Servers lokali kbar (mainframes), Stampaturi kbar, Tagħmir għall-ikkuppjar, Slot machines kbar,*** Apparat mediku kbir, Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll kbar, Apparat kbir ***li awtomatikament iwassal prodotti u flus***, Pannelli fotovoltajċi. | ***– Apparat kbir għat-tisjir u għall-ipproċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju hot plates tal-elettriku, fran tal-elettriku, kukers tal-elettriku, microwaves, magni tal-kafè installati fil-post)*** |
| | ***– Hoods tal-kċina*** |
| | ***– Magni kbar għat-tindif (bħal pereżempju*** magni għall-ħasil tal-ħwejjeġ, magni li jnixxfu l-ħwejjeġ, ***magni li jaħslu l-platti)*** |
| | ***– Apparat kbir li jsaħħan (bħal pereżempju ħiters kbar tal-fann, spiritieri tal-elettriku, sistemi li jsaħħnu l-irħam jew ġebel naturali, sistemi għat-tisħin tal-pixxini u tagħmir kbir ieħor li jsaħħan il-kmamar, is-sodod u l-għamara li tpoġġi bilqiegħda fuqha)*** |
| | ***– Apparat kbir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju solarji, sawni, siġġijiet li jagħmlu l-massaġġi)*** |
| | ***– Apparat kbir tal-IT u t-telekomunikazzjoni (bħal pereżempju kompjuters kbar, servers, infrastruttura u tagħmir tan-netwerks fiss, printers kbar, tagħmir li jagħmel il-kopji, settijiet tat-telefown li jaħdmu bil-muniti)*** |

***– Apparat kbir għal waqt il-mistrieħ u l-isport (bħal pereżempju tagħmir tal-isport b'komponenti tal-elettriku jew elettroniċi,*** magni tal-logħob li jaħdmu bil-muniti)

***– Tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet***

– Tagħmir mużikali ***(bl-eklużjoni ta' orgnijiet fil-knejjes)***

***– Għodda u makkinarju industrijali tal-elettriku u elettroniku kbar bl-esklużjoni ta' għodda fissa industrijali kbira u makkinarju mobbli mhux tat-triq u apparat intiżi għall-użu ta' utenti professjonali biss (pereżempju*** apparat għall-ħdim tal-labar u l-insiġ)

***– Apparat kbir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (bħal pereżempju ġeneraturi, transformers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS), tagħmir li jibdel kurrenti alternati f'kurrenti diretti jew bil-maqlub)***

- Apparat mediku kbir

– Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll kbar

***– Strumenti ta' kejl u installazjonijet kbar (bħal pereżempju mwieżen, magni installati f'post fiss)***

– Apparat kbir ***li jipprovdi/jbigħ prodotti b'mod awtomatiku u għall-għoti awtomatiku ta' servizzi sempliċi (pereżempju magni tal-bejgħ, ATMs, apparat għall-ġbir ta' kontenituri vojta, photo booths)***

– Pannelli fotovoltajċi

Or. en

**Emenda 159**
**Peter Liese, Françoise Grossetête**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 5 – punt 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Tagħmir*** żgħir | ***5. Apparat*** żgħir |
| ***Vacuum cleaners, Xkupi tat-twapet, Apparat għall-ħjata, Dwal, Microwaves, Tagħmir tal-ventilazzjoni, Ħadid tal-mogħdija,*** Towsters, Skieken elettriċi, Ktieli elettriċi, Arloġġi, Shavers elettriċi, ***Mwieżen, Apparat għax-xagħar u l-kura tal-ġisem, Kompjuters personali, Stampaturi, Kalkolaturi, Telefons, Telefons ċellulari, Settijiet tar-radju,*** Vidjo kameras, Vidjo rikorders, Tagħmir hi-fi, Strumenti tal-mużika, ***Tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet,*** Ġugarelli ***elettriċi u elettroniċi,*** Tagħmir tal-isport, Kompjuters għall-ġiri bir-rota, l-għadis, il-ġiri, il-qdif, eċċ, ***Ditekter tad-duħħan, Regolaturi tas-sħana, Termostats,*** Għodda elettrika u elettronika żgħira,Apparat mediku żgħir, Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll żgħar, Apparat żgħir ***li awtomatikament iwassal prodotti,*** Tagħmir żgħir b'pannelli fotovoltajċi integrati. | ***– Apparat żgħir użat għat-tisjir u proċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju*** magni għax-xiwi tal-ħobż, ***pjanċi għat-tisħin***, skieken tal-elettriku, ktieli tal-elettriku, ***tagħmir li jiġi mgħaddas f'likwidi biex isaħħanhom, magni li jfettu l-ikel, microwaves)*** |
| | ***– Apparat żgħir għat-tindif (bħal pereżempju vacuum cleaners, ħdejjed tal-mogħdija eċċ.)*** |
| | ***– Fannijiet, air fresheners, ventilaturi*** |
| | ***– Apparat żgħir għat-tisħin (bħal pereżempju kutri tal-elettriku)*** |
| | – Arloġġi, ***arloġġi tal-idejn u apparat ieħor għall-kejl tal-ħin*** |
| | – Apparat żgħir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju xfafar tal-elettriku għat-tqaxxir tal-leħja, ***xkupilji tas-snien, apparat li jnixxef ix-xagħar, apparat li jagħmel il-massaġġi)*** |
| | ***– Cameras (pereżempju*** vidjo cameras) |
| | ***– Apparat elettroniku għall-konsumatur, (bħal pereżempju radjijiet, amplifikaturi tal-awdjo, radjijiet tal-karozza, plejers tad-DVDs,*** vidjo rekorders u tagħmir hi-fi) |

– Strumenti mużikali ***u tagħmir li għandhom x'jaqsmu mal-mużika (bħal pereżempju amplifikaturi, mixing desks, kuffji tal-wdina u speakers, mikrofoni)***

– Ġugarelli ***(bħal pereżempju ferroviji, mudelli tal-ajruplani eċċ.)***

***– Tagħmir żgħir*** tal-isport (bħal ***pereżempju*** kompjuters għar-roti, l-għadis, il-ġiri, il-qdif eċċ.)

***– Apparat żgħir għal waqt il-ħin liberu (bħal pereżempju logħob tal-vidjo, tagħmir tas-sajd u għal-logħob tal-golf eċċ.)***

– Għodda żgħira tal-elettriku u elettronika, ***inkluża għodda tal-ġnien (bħal pereżempju trapani, srieraq, pompi, magni għall-qtugħ tal-ħaxix)***

***– Magni tal-ħjata***

***– Tagħmir żgħir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (bħal pereżempju ġeneraturi, chargers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS), aċċessorji għall-provvista tal-elettriku)***

– Tagħmir mediku żgħir ***inkluż tagħmir veterinarju***

– Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll żgħar***(bħal pereżempju ditekters tad-duħħan, regolaturi tas-sħana, termostati, ditekters taċ-ċaqliq, strumenti u prodotti ta' monitoraġġ, remote controls)***

***– Apparat żgħir ta' kejl (bħal pereżempju mwieżen, apparat tad-displej, apparat li jkejjel id-distanzi, termometri)***

– Tagħmir żgħir li ***jeroga/jbigħ prodotti b'mod awtomatiku***

– Tagħmir żgħir b'pannelli fotovoltajċi integrati

Or. de

**Emenda 160**
**Oreste Rossi**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 5 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Tagħmir żgħir | 5. Tagħmir żgħir ***li ma jaqax taħt il-Kategoriji 1, 2 u 3*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*(Cf. Emenda 97 fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.)*

**Emenda 161**
**Andres Perello Rodriguez, Pilar Ayuso, Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 5 – punt 4**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Tagħmir żgħir | 5. ***Apparat*** żgħir |
| ***Vacuum cleaners, Xkupi tat-twapet, Apparat għall-ħjata, Dwal, Microwaves, Tagħmir tal-ventilazzjoni, Ħadid tal-mogħdija,*** Towsters, Skieken elettriċi, Ktieli elettriċi, ***Arloġġi, Shavers elettriċi, Mwieżen, Apparat għax-xagħar u l-kura tal-ġisem, Kompjuters personali, Stampaturi, Kalkolaturi, Telefons, Telefons ċellulari, Settijiet tar-radju, Vidjo kameras, Vidjo rikorders, Tagħmir hi-fi, Strumenti tal-mużika, Tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet, Ġugarelli elettriċi u elettroniċi, Tagħmir tal-isport,*** Kompjuters għall-ġiri bir-rota, l-għadis, il-ġiri, il-qdif, eċċ***, Ditekter tad-duħħan, Regolaturi tas-sħana, Termostats,*** Għodda elettrika u elettronika żgħira,Apparat mediku żgħir, Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll żgħar, ***Apparat żgħir li awtomatikament iwassal prodotti,*** | ***– Apparat żgħir użat għat-tisjir u pproċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju*** magni għax-xiwi tal-ħobż, ***hotplates tal-elettriku***, skieken tal-elettriku, ktieli tal-elettriku, ***tagħmir li jiġi mgħaddas f'likwidi biex isaħħanhom, magni li jfettu l-ikel, fran mikrowave)*** |

Tagħmir żgħir b'pannelli fotovoltajċi integrati.

***– Apparat żgħir għat-tindif (bħal pereżempju vacuum cleaners, ħdejjed tal-mogħdija eċċ.)***

***– Fannijiet, air fresheners, ventilaturi***

***– Apparat  żgħir għat-tisħin (bħal pereżempju kutri tal-elettriku)***

***– Arloġġi, arloġġi tal-idejn u apparat ieħor għall-indikazzjoni jew il-kejl tal-ħin***

***– Apparat żgħir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju xfafar tal-elettriku għat-tqaxxir tal-leħja, xkupilji tas-snien, apparat li jnixxef ix-xagħar, apparat li jagħmel il-massaġġi)***

***– Cameras (pereżempju vidjo cameras)***

***– Apparat elettroniku għall-konsumatur, (bħal pereżempju radjijiet, amplifikaturi tal-awdjo, radjijiet tal-karozza, plejers tad-DVDs, vidjo rekorders u tagħmir hi-fi)***

***– Strumenti mużikali u tagħmir li għandhom x'jaqsmu mal-mużika (bħal pereżempju amplifikaturi, mixing desks, headphones u speakers, mikrofoni)***

***– Ġugarelli (bħal pereżempju ferroviji, mudelli tal-ajruplani eċċ.)***

***– Tagħmir żgħir tal-isport*** (bħal ***pereżempju*** kompjuters għar-roti, l-għadis, il-ġiri, il-qdif eċċ.)

***– Apparat żgħir għal waqt il-mistrieħ (bħal pereżempju logħob tal-vidjo, tagħmir tas-sajd u għal-logħob tal-golf eċċ.)***

– Għodda żgħira tal-elettriku u elettronika, ***inkluża għodda tal-ġnien (bħal pereżempju trapani, srieraq, pompi, magni tal-ħsad)***

***– Magni tal-ħjata***

***– Tagħmir żgħir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (bħal pereżempju ġeneraturi, chargers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS),***

| | |
|---|---|
| | ***aċċessorji għall-provvista tal-elettriku)*** |
| | – Tagħmir mediku żgħir ***inkluż tagħmir veterinarju*** |
| | – Strumenti żgħar ta' mmonitorjar u kontroll ***(bħal pereżempju ditekters tad-duħħan, regolaturi tas-sħana, termostati, ditekters taċ-ċaqliq, strumenti u prodotti ta' monitoraġġ, remote controls)*** |
| | ***– Apparat żgħir ta' kejl (bħal pereżempju mwieżen, apparat tad-displej, apparat li jkejjel id-distanzi, termometri)*** |
| | ***– Tagħmir żgħir għal bejgħ jew distribuzzjoni ta' prodotti b'mod awtomatiku*** |
| | – Tagħmir żgħir b'pannelli fotovoltajċi integrati |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Żviluppi teknoloġiċi (b'mod partikolari fid-dawl tal-LEDs u dijodi organiċi) ifissru li d-differenza bejn lampi u dwal qiegħda ssir anqas evidenti. Mhuwiex faċli għall-produtturi, il-konsumaturi u dawk involuti fiċ-riċiklaġġ jiddeterminaw jekk LED integrat huwiex lampa jew oġġet li jdawwal. Dan jaqbel mal-mod kif it-teknoloġija qiegħda tiżviluppa, peress li biż-żmien mhux se jkun hemm differenza bejn lampa u oġġett li jdawwal.*

**Emenda 162**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 5 – intestatura**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Tagħmir*** żgħir | 5. ***Apparat*** żgħir |

Or. en

**Emenda 163**
**János Áder**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 4 – punt 5 – paragrafu 1**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Vacuum cleaners, Xkupi tat-twapet, Apparat għall-ħjata, Dwal, Microwaves, Tagħmir tal-ventilazzjoni, Ħadid tal-mogħdija,*** Towsters, Skieken elettriċi, Ktieli elettriċi, Arloġġi, ***Shavers elettriċi, Mwieżen, Apparat għax-xagħar u l-kura tal-ġisem, Kompjuters personali, Stampaturi, Kalkolaturi, Telefons, Telefons ċellulari, Settijiet tar-radju,*** Vidjo kameras, Vidjo rikorders, Tagħmir hi-fi, Strumenti tal-mużika, ***Tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġnijiet,*** Ġugarelli ***elettriċi u elettroniċi,*** Tagħmir tal-isport, Kompjuters għall-ġiri bir-rota, l-għadis, il-ġiri, il-qdif, eċċ, ***Ditekter tad-duħħan, Regolaturi tas-sħana, Termostats,*** Għodda elettrika u elettronika żgħira, Apparat mediku żgħir, Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll żgħar, ***Apparat żgħir li awtomatikament iwassal prodotti,*** Tagħmir żgħir b'pannelli fotovoltajċi integrati. | – ***Apparat żgħir użat għat-tisjir u pproċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju*** magni għax-xiwi tal-ħobż, ***hotplates***, skieken tal-elettriku, kittli tal-elettriku, ***tagħmir li jiġi mgħaddas f'likwidi biex isaħħanhom, magni li jfettu l-ikel, fran mikrowave)*** |
| | – ***Apparat żgħir għat-tindif (bħal pereżempju vacuum cleaners, ħdejjed tal-mogħdija eċċ.)***<br>– ***Fannijiet, air fresheners, ventilaturi***<br>– ***Apparat żgħir għat-tisħin (bħal pereżempju kutri tal-elettriku)***<br>– Arloġġi, ***arloġġi tal-idejn u apparat ieħor għall-kejl tal-ħin***<br>– ***Apparat żgħir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju xfafar tal-elettriku għat-tqaxxir tal-leħja, xkupilji tas-snien, apparat li jnixxef ix-xagħar, apparat li jagħmel il-massaġġi)***<br>– ***Cameras (pereżempju*** vidjo cameras)<br>– ***Apparat elettroniku għall-konsumatur, (bħal pereżempju radjijiet, amplifikaturi tal-awdjo, radjijiet tal-karozza, plejers tad-*** |

***DVDs,*** vidjo rekorders u tagħmir hi-fi)

– Strumenti mużikali ***u tagħmir li għandhom x'jaqsmu mal-mużika (bħal pereżempju amplifikaturi, mixing desks, headphones u speakers, mikrofoni)***

– Ġugarelli ***(bħal pereżempju ferroviji, mudelli tal-ajruplani eċċ.)***

***– Tagħmir żgħir tal-isport*** (bħal ***pereżempju*** kompjuters għar-roti, l-għadis, il-ġiri, il-qdif eċċ.)

***– Apparat żgħir għal waqt il-ħin liberu (bħal pereżempju logħob tal-vidjo, tagħmir tas-sajd u għal-logħob tal-golf eċċ.)***

– Għodda żgħira tal-elettriku u elettronika, ***inkluża għodda tal-ġnien (bħal pereżempju trapani, srieraq, pompi, magni tal-ħsad)***

***– Magni tal-ħjata***

***– Tagħmir żgħir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (bħal pereżempju ġeneraturi, chargers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS), aċċessorji għall-provvista tal-elettriku)***
– Tagħmir mediku żgħir ***inkluż tagħmir veterinarju***

– Strumenti żgħar ta' mmonitorjar u kontroll ***(bħal pereżempju ditekters tad-duħħan, regolaturi tas-sħana, termostati, ditekters taċ-ċaqliq, strumenti u prodotti ta' monitoraġġ, remote controls)***

***– Apparat żgħir ta' kejl (bħal pereżempju mwieżen, apparat tad-displej, apparat li jkejjel id-distanzi, termometri)***

***– Tagħmir żgħir li jeroga/jbigħ prodotti b'mod awtomatiku***

– Tagħmir żgħir b'pannelli fotovoltajċi integrati

Or. en

**Emenda 164**
**Kathleen Van Brempt**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness II – Part 1 – punt d**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) għal lampi ta' discharge ta' gass, 80% għandhom jiġu riċiklati. | (d) għal lampi ta' discharge ta' gass, 80% għandhom jiġu riċiklati. ***Irrispettivament jekk il-lampi jinġabrux flimkien mad-dwal, dan il-persentaġġ ta' riċiklaġġ għandu japplika għal-lampi nfushom.*** |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li hemm dibattitu dwar jekk il-lampi u d-dwal għandhomx jinġabru flimkien, huwa neċessarju li jiġi kkjarifikat epressament li, fi kwalunkwe każ, it-80% se japplika għal-lampi nfushom.*

**Emenda 165**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex issir distinzjoni bejn l-EEE u l-WEEE, fejn sid ta' oġġett jiddikjara li għandu l-intenzjoni li jġorr jew li qiegħed iġorr EEE użat iżda li mhux WEEE, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom ***f'każijiet ta' EEE ssuspettat li hu WEEE*** jitolbu dan li ġej sabiex ikollhom prova tad-dikjarazzjoni: | 1. Sabiex issir distinzjoni bejn l-EEE u l-WEEE, fejn sid ta' oġġett jiddikjara li għandu l-intenzjoni li jġorr jew li qiegħed iġorr EEE użat ***funzjonali jew mhux funzjonali*** iżda li mhux WEEE, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jitolbu dan li ġej sabiex ikollhom prova tad-dikjarazzjoni: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-impożizzjoni ta' spejjeż minħabba suspett mingħajr ma jkun hemm piż tal probabbiltà tal-prova fuq l-awtoritajiet .a*

**Emenda 166**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kopja tal-fattura u tal-kuntratt relatati mal-bejgħ u/jew mat-trasferiment tas-sjieda tal-EEE li jiddikjaraw li ***t-tagħmir huwa maħsub għal użu*** mill-ġdid ***dirett u li huwa kompletament funzjonali;*** | (a) kopja tal-fattura, ***il-valutazzjoni doganali, dikjarazzjonijiet tal-assigurazzjoni,*** u kuntratt ***rilevanti, bħal garanzija, l-iskop tax-xogħol jew kuntratt għal servizz wara l-bejgħ,*** relatat mal-bejgħ, ***it-trasferiment tal-parteċipazzjoni*** u/jew it-trasferiment tas-sjieda tal-EEE li jiddikjaraw ***li l-ġarr isir skont il-finijiet kummerċjali oriġinali tal-EEE bl-għan li:*** |
| | (i) użu mill-ġdid; |
| | ***(ii) tiswija jew arranġament mill-ġdid bil-ħsieb ta' użu mill-ġdid;*** |
| | ***(iii) ritorn lura taħt il-garanzija; jew*** |
| | ***(iv) analiżi dwar il-kawża prinċipali tal-falliment, b'mod partikolari rigward mezzi mediċi li jintbagħtu taħt kuntratt validu jew rekwiżiti regolatorji dwar il-laqgħat skont id-Direttiva 93/72/KE jew id-Direttiva 98/79/KE, f'tali każ analiżi tista' ssir biss mill-produttur jew minn partijiet terzi li qegħdin jaġixxu f'ismu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dikjarazzjonijiet doganali u tal-assigurazzjoni huma kruċjali bħala prova li ġarr ta' EEE mhuwiex ġarr ta' WEEE. Jista' jkun il-każ li EEE mhux funzjonali jkollu jinġarr lil parti sekondarja (pereżempju biex issir analiżi tal-falliment) filwaqt li s-sjieda tibqa' tal-ewwel parti. Għalhekk, "it-trasferiment tal-parteċipazzjoni" mingħajr "it-trasferiment tas-sjieda" għandu jitqies ukoll. Il-lista tindirizza d-diversi tipi ta' EEE li jistgħu jinġarru.*

**Emenda 167**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 6 – paragrafu 1 – punt b**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) evidenza tal-valutazzjoni jew l-ittestjar f'forma ta' kopja tar-reġistri (ċertifikat tal-ittestjar, prova tal-funzjonalità) fuq kull oġġett fil-konsenja u protokoll li jkun fih it-tagħrif kollu tar-reġistri skont il-punt 3; | (b) ***deskrizzjoni tal-livell ta' funzjonalità għal kull EEE fil-ġarr bbażata fuq l-evidenza*** tal-valutazzjoni jew l-ittestjar f'forma ta' kopja tar-reġistri (ċertifikat tal-ittestjar, prova tal-funzjonalità) fuq kull oġġett fil-konsenja u protokoll li jkun fih it-tagħrif kollu tar-reġistri skont il-punt 3; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din tipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjoni ta' kull oġġett fil-ġarr.*

**Emenda 168**
**Kathleen Van Brempt**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt (d)**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) protezzjoni adatta kontra ħsara waqt it-trasportazzjoni, it-tagħbija u l-ħatt b'mod partikolari permezz ta' imballaġġ suffiċjenti ***jew*** arranġament adatt tat-tagħbija. | (d) protezzjoni adatta kontra ħsara waqt it-trasportazzjoni, it-tagħbija u l-ħatt b'mod partikolari permezz ta' imballaġġ suffiċjenti ***u*** arranġament adatt tat-tagħbija. |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żewġ kundizzjonijiet flimkien jipprovdu garanziji akbar li dan mhuwiex ġarr tal-iskart moħbi. Fir-rigward ta' prodotti ta' valur dan ifisser, fil-każ l-aktar estrem, spejjeż limitati ħafna, peress li l-EEE li għadu funzjonali, xorta waħda jrid jitpoġġa f'xi tip ta' imballaġġ u se jinħażen kif inhu xieraq, peress li hemm inċentiv biex wieħed iżid il-valur, filwaqt li, fil-każ ta'*

*vjeġġi illegali, din hija spiża żejda li dawk involuti se jippruvaw jevitaw ħalli b'hekk ikunu qegħdin jarmu l-iskart tagħhom bl-irħas mod possibbli.*

**Emenda 169**
**Julie Girling**

**Pożizzjoni tal-Kunsill**
**Anness 6 – paragrafu 2**

| *Pożizzjoni tal-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. B'deroga, il-punt 1 (a) u (b) u l-punt (3) ma japplikawx lill-produttur jew lil partijiet terzi li jaġixxu f'ismu meta ikun iddokumentat bi provi konklużivi li l-vjeġġ ikun qiegħed iseħħ fil-qafas ta' ftehim ivverifikat ta' trasferiment minn negozju għal ieħor u fejn :*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-EEE jintbagħat lura bħala difettuż għat-tiswija taħt garanzija bl-intenzjoni tal-użu mill-ġdid,*** | |
| ***(b) l-EEE għal użu professjonali użat jintbagħat għall-manutenzjoni jew it-tiswija skont kuntratt validu ta' servizz ta' manutenzjoni wara l-bejgħ bl-intenzjoni tal-użu mill-ġdid, jew*** | |
| ***(c) l-EEE għal użu professjonali difettuż użat, bħal apparat mediku jew il-partijiet tiegħu, jintbagħat għall-analiżi tal-kawża prinċipali skont kuntratt validu ta' servizz ta' manutenzjoni wara l-bejgħ, f'każ li tali analiżi tista' titwettaq biss mill-produttur jew partijiet terzi li jaġixxu f'ismu,*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mal-bidliet fil-paragrafu 1.*